

II

(*Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*)

**ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIM
INTERNAZZJONALI**

DEĊIJONI NRU 1/2009 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT TAĦT IL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-FAĦAM U L-AZZAR U R-REPUBLIKA TAT-TURKIJÀ DWAR IL-KUMMERĊ TA' PRODOTTI KOPERTI MIT-TRATTAT LI JISTABBILIXXI L-KOMUNITÀ EWROPEA

tal-24 ta' Frar 2009

tal-Faħam u l-Azzar li temenda l-Protokoll 1 tal-Ftehim

(2009/403/KE)

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-kummerċ ta' prodotti koperti mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar tad-29 ta' Frar 1996⁽¹⁾ (min hawn 'il quddiem 'il-Ftehim), u b'mod partikolari l-Artikolu 34 tal-Protokoll 1 tiegħu u d-Dikjarazzjoni dwar regoli ta' oriġini mehmauba mal-Ftehim,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2002/595/KE tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li Itaqgħu fi ħdan il-Kunsill, tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-konseguenzi tal-iskadenza tat-Trattat tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (ECSC) dwar ftehimiet internazzjonali ffinalizzati mill-ECSC⁽²⁾ u għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/596/KE tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-konseguenzi tal-iskadenza tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (ECSC) dwar ftehimiet internazzjonali ffinalizzati mill-ECSC⁽³⁾,

Billi:

(1) Deċiżjoni 2002/595/KE u d-Deċiżjoni 2002/596/KE stipulaw li sa mill-24 ta' Lulju 2002, il-KE se tiret id-drittijiet u l-obbligi li joħorġu mill-ftehimiet internazzjonali ffinalizzati mill-ECSC ma' pajjiżi terzi.

(2) Il-Protokoll 1 tal-Ftehim bejn l-ECSC u r-Repubblika tat-Turkija jipprovdi għal akkumulazzjoni ta' oriġini bejn il-Komunità, it-Turkija, l-İzlanda, in-Norveġja u l-İzvizzera (inkluż il-Liechtenstein).

(1) ġu L 227, 7.9.1996, p. 3.

(2) ġu L 194, 23.7.2002, p. 35.

(3) ġu L 194, 23.7.2002, p. 36.

- (3) L-estensjoni tas-sistema ta' akkumulazzjoni hija mixtieqa biex tippermetti l-użu ta' materjali li joriġinaw mill-Komunità, mill-Iżlanda, min-Norveġja, mill-Iżvizzera (inkluż il-Liechtenstein), mill-Gżejjer Faroe, mit-Turkija jew minn kull pajiż ieħor li jipparteċipa fis-sħubija Ewro-Mediterranja, ibbażata fuq id-Dikjarazzjoni ta' Barċellona adottata fil-Konferenza Ewro-Mediterranja li seħħet fis-27 u t-28 ta' Novembru 1995⁽¹⁾, sabiex tiżviluppa l-kummerċ u ġġib 'il-quddiem l-integrazzjoni reġionali.
- (4) Biex ikun żgurat li s-sistema estiża ta' akkumulazzjoni tiġi applikata biss fost il-pajjiżi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa u sabiex tiġi evitata l-evażjoni tad-dazji doganali, huwa meħtieġ li jiġu introdotti dispożizzjonijiet ġodda rigward ċertifikazzjoni ta' oriġini.
- (5) Merkanċija fi tranżitu jew maħżuna fid-data li fiha d-Deċiżjoni ssir applikabbi għandha tkun koperta minn dispożizzjonijiet tranżizzjonali li jippermettulha li tibbenifika mis-sistema estiża ta' akkumulazzjoni.
- (6) Dikjarazzjoni Konġunta trid tiġi introdotta rigward il-Prinċipat ta' Andorra u r-Repubblika ta' San Marino.
- (7) Xi emendi tekniċi huma meħtieġa sabiex jiġu kkoreġuti l-anomaliji fi u bejn il-verżjonijiet tal-lingwi differenti tat-test.
- (8) Huwa xieraq għalhekk, għat-tħaddim adattat tal-Ftehim u bil-għan li jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-utenti u l-amministrazzjonijiet doganali, li f-test ġdid tal-Protokoll jiġu inkorporati d-dispożizzjonijiet kollha kkonċernati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u r-Repubblika tat-Turkija tal-25 ta' Lulju 1996 dwar il-kummerċ fi prodotti koperti mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar se jibidel mit-test meħmuż hawnhekk.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni se tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-ewwel jum tax-xahar wara l-jum ta' adozzjoni tagħha.

Magħmul f'Ankara, l-24 ta' Frar 2009.

Għall-Kumitat Konġunt

Il-President

Cemalettin DAMLACI

⁽¹⁾ L-Alġerija, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija, Ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gażza.

PROTOKOLL 1

Li għandu x'jaqsam mal-kunċett ta' “prodotti oriġinarji” u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

WERREJ

TITOLU I DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1 Definizzjonijiet

TITOLU II DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' “PRODOTTI ORIĠINARJI”

Artikolu 2 Rekwiżiti ġenerali

Artikolu 3 Akkumulazzjoni fil-Komunità

Artikolu 4 Akkumulazzjoni fit-Turkija

Artikolu 5 Prodotti miksuba kompletament

Artikolu 6 Prodotti b'xogħol jew ipproċessar suffiċjenti

Artikolu 7 Xogħol jew ipproċessar insuffiċjenti

Artikolu 8 Unità ta' kwalifikata

Artikolu 9 Aċċessorji, sperparts u għodod

Artikolu 10 Settijiet

Artikolu 11 Elementi newtrali

TITOLU III REKWIŻITI TERRITORJALI

Artikolu 12 Prinċipju ta' territorjalità

Artikolu 13 Trasport dirett

Artikolu 14 Wirjet

TITOLU IV RIFUŻJONI JEW EŻENZJONI

Artikolu 15 Projbizzjoni ta' rifużjoni ta' taxxi doganali jew eżenzjoni minnhom

TITOLU V PROVA TA' ORIĠINI

Artikolu 16 Rekwiżiti ġenerali

Artikolu 17 Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat għal ċaqliq tal-EUR.1 jew l-EUR-MED

Artikolu 18 Ċertifikati ta' ċaqliq tal-EUR.1 jew l-EUR-MED maħruġa retrospettivament

Artikolu 19 Ħruġ f'żewġ kopji ta' ċertifikat tal-moviment EUR jew EUR-MED

Artikolu 20 Ħruġ ta' ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED fuq il-bażi ta' prova ta' oriġini maħruġa jew li digħà saret

Artikolu 21 Segregazzjoni tal-kontabilità

Artikolu 22 Kondizzjonijiet għal kumpilazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' fattura jew ta' dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED

Artikolu 23 Esportatur approvat

Artikolu 24 Validità ta' prova ta' oriġini

Artikolu 25 Preżentazzjoni ta' prova tal-oriġini

| | |
|-------------|--|
| Artikolu 26 | Importazzjoni f'puntati |
| Artikolu 27 | Eżenzjonijiet mill-prova ta' oriġini |
| Artikolu 28 | Dokumenti ta' sostenn |
| Artikolu 29 | Iż-Żamma tal-prova ta' oriġini u dokumenti ta' sostenn |
| Artikolu 30 | Diskrepanzi u żbalji formali |
| Artikolu 31 | Ammonti espressi feuro |
| TITOLU VI | ARRANĠAMENTI GĦAL KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA |
| Artikolu 32 | Għajnuna reċiproka |
| Artikolu 33 | Verifika tal-prova tal-oriġini |
| Artikolu 34 | Soluzzjoni tat-Tilwim |
| Artikolu 35 | Penali |
| Artikolu 36 | Żoni liberi |
| TITOLU VII | CEUTA U MELILLA |
| Artikolu 37 | Applikazzjoni tal-Protokoll |
| Artikolu 38 | Kondizzjonijiet speċjali |
| TITOLU VIII | DISPOŻIZZJONIJIET FINALI |
| Artikolu 39 | Emendi għall-Protokoll |
| Artikolu 40 | Dispożizzjonijiet tranżitorji għal oġġetti li qegħdin jinġarru jew jinsabu maħżuna |

Listo ta' Annessi

| | |
|--------------|--|
| Anness I | Noti ta' introduzzjoni għal-lista tal-Anness II |
| Anness II | Lista ta' xogħol jew ipproċċesar meħtieġ li għandu jitwettaq fuq materjali li mhumiex oriġinatorji sabiex il-prodott immanifaturat jista' jikseb status oriġinatorju |
| Anness III a | Mudelli ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1 u applikazzjoni għal ċertifikat tal-moviment EUR.1 |
| Anness III b | Mudelli ta' ċertifikat tal-moviment EUR-MED u applikazzjoni għal ċertifikat tal-moviment EUR-MED |
| Anness IV a: | Test tad-dikjarazzjoni tal-fatturat |
| Anness IV b | Test tad-dikjarazzjoni tal-fatturat tal-EUR-MED |

Dikjarazzjoniċċi kongħuti

Dikjarazzjoni kongħunta li għandha x'taqsam mal-Prinċipat ta' Andorra

Dikjarazzjoni kongħutta li għandha x'taqsam mar-Repubblika ta' San Marino

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għar-raġunijiet ta' dan il-Protokoll:

- (a) "manifattura" tfisser kwalunkwe tip ta' xogħol jew ipproċessar inkluż immuntar jew tipi speċifiċi ta' operat;
- (b) "materjal" tfisser kwalunkwe ingredjent, materja prima, komponent jew parti, eċċ., użat fil-manifattura tal-prodott;
- (c) "prodott" tfisser il-prodott li qiegħed jiġi mmanifatturat, anki jekk huwa maħsub għal użu aktar tard f'operat ieħor ta' manifattura;
- (d) "oġġetti" tfisser kemm materjali kif ukoll prodotti;
- (e) "valur doganali" tfisser il-valur kif iddeterminat skont il-Ftehim tal-1994 fuq l-implementazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali fuq Tariffi u Kummerċ (Ftehim tad-WTO fuq il-valutazzjoni doganali);
- (f) "prezz ex-fabbrika" tfisser il-prezz imħallas għall-prodott ex-fabbrika lill-manifattur fil-Komunità jew fit-Tuneżija li taħtu twettaq l-aħħar xogħol jew ipproċessar, sakemm il-prezz jinkludi l-valur tal-materjali użati kollha, u jitnaqqas minnu kwalunkwe taxxa interna li hija, jew li tista' tkun, imħalla lura meta l-prodott miksub ikun esportat;
- (g) "valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-ħin ta' esportazzjoni tal-materjali mhux orīginarji li ntużaw, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz aċċertat li tħallas għal materjali fil-Komunità jew fit-Tuneżija;
- (h) "valur tal-materjali orīginarji" tfisser il-valur tat-tip ta' materjali hekk kif definiti f'(g) applikat mutatis mutandis;
- (i) "valur miżjud" għandu jitqies bħala l-prezz ex-fabbrika li minnu jitnaqqas il-valur doganali ta' kull wieħed mill-materjali inkorporati li joriġinaw fil-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikolu 3 u 4 li magħhom hija applikabbli l-akkumulazzjoni jew, fil-każjiet fejn il-valur doganali muwiex magħruf jew ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz aċċertat li huwa mħallas għall-materjali fil-Komunità jew fit-Tuneżija;
- (j) "kapitoli" jew "intestaturi" ifissru l-kapitoli u l-intestaturi (kodiċi b'erba' ċifri) użati fin-nomenklatura li tifforma d-Deskrizzjoni Armonizzata ta' Komodità u Sistema ta' Kodiċi, imsemmija f'dan il-protokoll bħala "is-Sistema Armonizzata" jew "SA";

(k) "ikklassifikat" tirreferi għall-klassifika ta' prodott jew materjal li jaqa' taħt intestatura partikolari;

(l) "konsenja" tfisser prodotti li jew intbagħtu simultanjament minn esportatur wieħed lil destinatarju wieħed inkella prodotti koperti b'dokument ta' trasport wieħed li jkɔpri l-għarr tagħhom tal-merkanzija mill-esportatur għad-destinatarju jew, fin-nuqqas ta' dan it-tip ta' dokument, b'fatura waħda;

(m) "territorji" tinkludi ibħra territorjali.

TITOLU II

DEFINIZZJONI TAL-KUNċETT TA' "PRODOTTI ORIĠINARJI"

Artikolu 2

Rekwiżiti ġenerali

1. Bl-għan li jiġi implementat il-Ftehim, il-prodotti li ġejjin għandhom jiġi kkunsidrati bħala li joriġinaw mill-Komunità:

- (a) prodotti miksuba kompletament mill-Komunità fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 5;
 - (b) prodotti li nkisbu fil-Komunità li jinkorporaw materjali li ma nkisbux kompletament minn hemm, sakemm dawn it-tip ta' materjali għaddew minn xogħol jew ipproċessar suffiċjenti fil-Komunità fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 6;
 - (c) ḥġi li joriġinaw fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) fi ħdan it-tifsira tal-Protokoll 4 għall-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea.
2. Bl-għan li jiġi implementat il-Ftehim, il-prodotti li ġejjin għandhom jiġi kkunsidrati bħala li joriġinaw mit-Tuneżija:
- (a) prodotti miksuba kompletament mit-Turkija fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 5;
 - (b) prodotti li nkisbu fit-Turkija li jinkorporaw materjali li ma nkisbux kompletament minn hemm, sakemm dawn it-tip ta' materjali għaddew minn xogħol jew ipproċessar suffiċjenti fit-Turkija fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 6;

Artikolu 3

Akkumulazzjoni fil-Komunità

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjoniċċi tal-Artikolu 2 (1), prodotti għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw mill-Komunità jekk dawn il-prodotti jinkisbu hemmhekk, materjali inkorporati joriġinaw mill-Iż-żivizzera (inkluż il-Liechtenstein)⁽¹⁾, l-Iż-żand, in-Norveġja, it-Turkija jew il-Komunità, sakemm ix-xogħol jew l-ipproċessar imwettaq fil-Komunità tmur lil hinn mill-operazzjoniċċi imsemmija fl-Artikolu 7. Ma għandhiex tkun meħtieġa li dawn il-materjali jkunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar suffiċjenti.

⁽¹⁾ Il-Principiat tal-Leichtenstein għandu unjoni doganali mal-Iż-żivizzera, u huwa Parti Kontraenti għall-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 (1), prodotti għandhom jitqies bħala li joriġinaw fil-Komunità jekk dawn it-tip ta' prodotti jinkisbu hemmhekk, materjali inkorporati joriġinaw mill-Gżejjer Faroe jew fi kwalunkwe pajjiż li huwa parteċipant fis-sħubija Euro-Mediterranja, ibbażata fuq id-Dikjarazzjoni ta' Barċellona adottata waqt il-Konferenza Euro-Mediterranja li saret fis-27 u t-28 ta' Novembru 1995, apparti t-Turkija (¹), sakemm ix-xogħol jew l-iproċessar imwettaq fil-Komunità jmorrū lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7. Ma għandhiex tkun meħtieġa li dawn il-materjali jkunu għaddew minn xogħol jew iproċessar suffiċjenti.

3. Fil-każ fejn ix-xogħol jew l-iproċessar imwettaq fil-Komunità ma jmurx lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, il-prodott miksub għandu jitqies bħala li joriġina fil-Komunità fil-każ biss meta l-valur miżjud hemmhekk huwa akbar mill-valur tal-materjali użati li joriġinaw fi kwalunkwe pajjiż mill-pajjiżi l-oħra msemmija fil-Paragrafi 1 u 2. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-prodott miksub għandu jitqies bħala li joriġina fil-pajjiżi li huwa responsabbi għall-ogħla valur ta' materjali orīginarji użati fil-manifattura fil-Komunità.

4. Prodotti, li joriġinaw fwieħed mill-pajjiżi msemmija fil-Paragrafi 1 u 2, li ma għaddewx minn l-ebda xogħol jew iproċessar fil-Komunità, iżommu l-oriġini tagħhom jekk jiġu esportati fwieħed minn dawn il-pajjiżi.

5. L-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu tista' tiġi applikata biss sakemm:

(a) ftehim kummerċjali preferenzjali skont l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (General Agreement on Tariffs and Trade -GATT) huwa applikabbli bejn il-pajjiżi involuti fl-akkwist tal-istatus orīginarju u l-pajjiż destinatarju;

(b) materjali u prodotti kisbu status orīginarju bl-applikazzjoni ta' regoli ta' oriġini li huma identiċi ma' dawk mogħtija f'dan il-Protokoll;

u

(c) avviżi li jindikaw it-twettiq tar-rekwiżiti meħtieġa sabiex japplikaw akkumulazzjoni ġew ippubblikati f'il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea (serje C) u fit-Turkija skont il-proċeduri tagħha stess.

L-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu għandha tapplika mid-data indikata fl-avviż ippubblikat f'il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea (serje C).

Il-Komunità għandha tipprovd lit-Turkija, permezz tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej b'dettalji tal-Ftehimiet, inklużi d-dati tagħhom ta' dħul fis-seħħ, u r-regoli ta' oriġini li jikkorrispondu għalihom, li huma applikati mal-pajjiżi l-oħra msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

(¹) L-Alġerija, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libānu, il-Marokk, is-Sirja, it-Tunezja, Ix-Xatt tal-Punent u l-Istixxa ta' Gaża.

Artikolu 4

Akkumulazzjoni fit-Turkija

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 (2), prodotti għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw mit-Turkija jekk dawn il-prodotti jinkisbu hemmhekk, materjali inkorporati joriġinaw mill-Iż-Żorr (inkluż il-Liechtenstein) (²), l-İzlanda, in-Norveġja, it-Turkija jew il-Komunità, sakemm ix-xogħol jew l-iproċessar imwettaq fit-Turkija jmorrū lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7. Ma għandhiex tkun meħtieġa li dawn il-materjali jkunu għaddew minn xogħol jew iproċessar suffiċjenti.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 (2), prodotti għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw fit-Turkija jekk dawn it-tip ta' prodotti jinkisbu hemmhekk, materjali inkorporati joriġinaw mill-Gżejjer Faroe jew fi kwalunkwe pajjiż li huwa parteċipant fis-sħubija Euro-Mediterranja, ibbażata fuq id-Dikjarazzjoni ta' Barċellona adottata waqt il-Konferenza Euro-Mediterranja li saret fis-27 u t-28 ta' Novembru 1995, apparti t-Turkija (³), sakemm ix-xogħol jew l-iproċessar imwettaq fit-Turkija jmorrū lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7. Ma għandhiex tkun meħtieġa li dawn il-materjali jkunu għaddew minn xogħol jew iproċessar suffiċjenti.

3. Fil-każ fejn ix-xogħol jew l-iproċessar imwettaq fit-Turkija ma jmurx lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, il-prodott miksub għandu jitqies bħala li joriġina fit-Turkija fil-każ biss meta l-valur miżjud hemmhekk huwa akbar mill-valur tal-materjali użati li joriġinaw fi kwalunkwe pajjiż mill-pajjiżi l-oħra msemmija fil-Paragrafi 1 u 2. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-prodott miksub għandu jitqies bħala li joriġina fil-pajjiżi li huwa responsabbi għall-ogħla valur ta' materjali orīginarji użati fil-manifattura fit-Turkija.

4. Prodotti, li joriġinaw fwieħed mill-pajjiżi msemmija fil-Paragrafi 1 u 2, li ma għaddewx minn l-ebda xogħol jew iproċessar fit-Turkija, iżommu l-oriġini tagħhom jekk jiġu esportati fwieħed minn dawn il-pajjiżi.

5. L-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu tista' tiġi applikata biss sakemm:

(a) ftehim kummerċjali preferenzjali skont l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (General Agreement on Tariffs and Trade -GATT) huwa applikabbli bejn il-pajjiżi involuti fl-akkwist tal-istatus orīginarju u l-pajjiż destinatarju;

(b) materjali u prodotti kisbu status orīginarju bl-applikazzjoni ta' regoli ta' oriġini li huma identiċi ma' dawk mogħtija f'dan il-Protokoll;

u

(²) Il-Principiat tal-Leichtenstein għandu unjoni doganali mal-Iż-Żorr, u huwa Parti Kontraenti għall-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea.

(³) L-Alġerija, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libānu, il-Marokk, is-Sirja, it-Tunezja, Ix-Xatt tal-Punent u l-Istixxa ta' Gaża.

- (c) avviżi li jindikaw it-twettiq tar-rekwiżiti meħtieġa sabiex jaapplikaw akkumulazzjoni ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje C) u fit-Turkija skont il-proċeduri tagħha stess.

L-akkumulazzjoni prevista f'dan l-Artikolu għandha tapplika mid-data indikata fl-avviż ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje C).

It-Turkija għandha tiprovd i-l-Komunità, permezz tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej b'dettalji tal-Ftehimiet, inklużi d-dati tagħhom ta' dħul fis-seħħ, u r-regoli ta' oriġini li jikkorrispondu għalihom, li huma applikati mal-pajjiżi l-oħra msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 5

Prodotti miksuba kompletament

1. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala miksuba kompletament fil-Komunità u fit-Turkija.

- (a) prodotti minerali estratti mill-ħamrija tagħhom jew minn qiegħ il-baħar tagħhom;
- (b) prodotti veġetali maħsuda hemmhekk;
- (c) annimali ħajjin imwielda u mrobbija hemmekk;
- (d) prodotti minn annimali ħajjin imrobbija hemmhekk;
- (e) prodotti miksuba mill-kaċċa jew sajd li jseħħ hemmhekk;
- (f) prodotti tas-sajd mill-baħar u prodotti oħra meħuda mill-baħar “il barra mill-ibħra territorjali tal-Komunità jew tat-Turkija mill-bastimenti tagħhom;
- (g) prodotti magħmula fuq il-vapuri li fihom fabbrika esklussivament minn prodotti msemmija fi (f);
- (h) artikli użati miġbura hemmekk adattati biss sabiex jinġabru l-materji primi, inklużi tajers użati adattati biss biex jitfellhom mill-ġdid il-wiċċ ta' barra jew għal użu bħala skart;
- (i) skart u ruttam li jirriżulta mill-operazzjonijiet li jseħħu hemmhekk;
- (j) prodotti estratti minn qiegħ il-baħar jew is-saff ta' taħt il-ħama ‘l barra mill-ibħra territorjali tagħhom sakemm għandhom id-drittijiet esklussivi li jaħdnu dak il-qiegħ jew dak is-saff ta' taħt il-ħama;
- (k) oġġetti magħmula esklussivament hemmhekk mill-prodotti spċċifikati fl-(a) sa (j).

2. It-termini “il-bastimenti tagħhom” u “il-bastimenti tagħhom li fihom fabbrika” fil-paragrafu 1(f) u (g) għandhom jaapplikaw biss għal bastimenti u vapuri li fihom fabbrika:

- (a) li huma rreġistrati jew elenkti fi Stat Membru tal-Komunità jew fit-Turkija;

- (b) li jbaħħru bil-bandiera ta' Stat Membru tal-Komunità jew tat-Turkija;

(c) li huma l-proprietà sal-limitu ta' mill-anqas 50 % minn ċittadini tal-Istat Membru tal-Komunità jew tat-Turkija, jew minn kumpanija li jkollha l-uffiċċju ewlieni tagħha f'wieħed minn dawk l-Istati, li l-President tagħha tal-Bord tad-Diretturi jew tal-Bord tas-Superviżjoni u l-maġġoranza tal-membri ta' dawn it-tipi ta' bordijiet ikunu ċittadini ta' Stati Membru tal-Komunità jew tat-Turkija, u li minnhom, b'żieda, fil-każ ta' shubja jew kumpaniji b'azzjoni limitata, mill-anqas nofs il-kapital ikun proprjetà ta' dawk l-Istati jew ta' korpi pubbliċi jew taċ-ċittadini tal-Istati msemmija;

- (d) li minnhom, il-kaptan u l-uffiċċali huma ċittadini ta' Stat Membru tal-Komunità jew tat-Turkija;

u

- (e) li minnhom mill-anqas 75 % tal-ekwipaġġ huma ċittadini ta' Stat Membru tal-Komunità jew tat-Turkija.

Artikolu 6

Prodotti b'xogħol jew ipproċessar suffiċċenti

1. Għall-għanijiet tal-Artikolu 2, prodotti li mhumiex miksuba kompletament jitqiesu bħala prodotti b'xogħol jew ipproċessar suffiċċenti meta jilħqu l-kondizzjonijiet stipulati fil-lista tal-Anness II.

Il-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq jindikaw, għal prodotti kollha koperti b'dan il-Ftehim, ix-xogħol jew l-ipproċessar li għandu jitwettaq fuq materjali li mhumiex oriġinarji użati fil-manifattura u jaapplikaw biss għal dawn it-tipi ta' materjali. Isegwi li jekk prodott li kiseb status oriġinarju billi ssodisa l-kondizzjonijiet stipulati fil-lista jintuża fil-manifattura ta' prodott ieħor, il-kondizzjonijiet li jaapplikaw għall-prodott li fih jinsab inkorporat ma jaapplikawx għali, u ma għandhiex tittieħed fkunsiderazzjoni bl-ebda mod tal-materjali li mhumiex oriġinarji li setgħu intużaw fil-manifattura tiegħu.

2. Minkejja l-paragrafu 1, materjali li mhumiex oriġinarji li, skont il-kondizzjonijiet stipulati fil-lista fl-Anness II, ma għandhomx jintużaw fil-manifattura ta' prodott jistgħu jintużaw xorta waħda, sakemm:

- (a) il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-10 % tal-prezz ex-fabbrika tal-prodott;
- (b) kwalunkwe persentaġġ minn dawk mogħtija fil-lista għall-valur massimu ta' materjali li mhumiex oriġinarji ma jinqabżu permezz tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

Dan il-paragrafu ma għandux jaapplika għal prodotti li jaqgħu fi ħdan il-Kapitolu 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

- 3. Il-Paragrafi 1 u 2 għandhom jaapplikaw soġġetti għad-dispożizzjoniżiet tal-Artikolu 7.

Artikolu 7**Xogħol jew ipproċessar insuffiċjenti**

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-operazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala xogħol jew ipproċessar insuffiċjenti sabiex jikkonferixxu status ta' prodotti oriġinarji, kemm jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6 huma sodisfatti kif ukoll jekk mhumiex:

- (a) jiġu kkonservati l-operazzjonijiet sabiex jiżguraw li l-prodotti jibqgħu f'kondizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħażna;
- (b) tqassim u assemblar ta' pakketti;
- (c) ħasil, tindif; tneħħija ta' trab, ossidu, żejt, żebgħa jew għattja oħra;
- (d) mogħdija jew ipressar tat-tessuti;
- (e) operazzjonijiet ta' żebgħa jew illustrar sempliċi;
- (f) ħruġ mill-fosdq, ibbliċċar parżjali jew totali, illustrar, igglejżjar ta' ċereali u ross;
- (g) operazzjonijiet għal ikkulular jew l-iffurmar ta' zokkor taċ-ċangaturi;
- (h) tqaxxir, tneħħija tal-għadma jew fsdieq ta' frott, ġewż u ħaxix;
- (i) tifrik, tidħin sempliċi jew qtugħ sempliċi;
- (j) għarbil, l-għażla skont id-daqs, it-tip, il-klassifika, it-tqabbil (inkluż l-immuntar f'settijiet ta' oġġetti);
- (k) tqegħid sempliċi fi flixken, laned, flasks, boroż, bagalji, kaxxi, it-twaħħil fuq kartun jew twavel u l-operazzjonijiet l-oħra kollha ta' ppakkjar;
- (l) twaħħil jew stampar ta' marki, tabelli, lowgows u sinjali oħra ta' distinzjoni fuq prodotti jew l-ippakkjar tagħhom;
- (m) taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm jekk ta' tipi differenti kif ukoll jekk le;
- (n) immuntar sempliċi ta' partijiet ta' artikli bl-iskop li jikkostitwixxu artiklu sħiħ jew iż-żarmar ta' prodotti f'partijiet;
- (o) żewġ operazzjonijiet jew aktar spċificati fl-(a) sa n-(n) ikkumbinati flimkien;
- (p) tbiċċir tal-annimali.

2. L-operazzjonijet kollha mwettqa kemm fil-Komunità jew inkella fit-Turkija fuq oġġett spċificu għandhom jitqiesu f'daqqa waqt li jiġi ddeterminat jekk ix-xogħol jew l-ipproċessar li għadda

minnu dak il-prodott għandux jitqies bħala suffiċjenti fi ħdan it-tifsira tal-paragrafu 1.

Artikolu 8**Unità ta' kwalifika**

1. L-unità ta' kwalifika għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandha tkun il-prodott partikolari li jitqies bħala unità bażika meta tiġi ddeterminata l-klassifika filwaqt li tintuża s-Sistema Armonizzata.

Isegwi li:

- (a) meta prodott, li ikun magħmul minn grupp jew ġabru ta' oġġetti, jiġi kklasifikat taħt it-termini tas-Sistema Armonizzata f'intestatura waħda, l-entità sħiħa tikkostitwixxi l-unità ta' kwalifika;
 - (b) meta konsenza tkun magħmula minn numru ta' prodotti identiċi kklasifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott għandu jittieħed individwalment meta jiġi applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.
2. Meta skont ir-Regola Ġenerali 5 tas-Sistema Armonizzata, l-ippakkjar huwa inkluż mal-prodott għal raġunijiet ta' elenkar, għandu jiġi inkluż bl-għanijiet ta' determinazzjoni ta' oriġini.

Artikolu 9**Aċċessorji, sperparts u għodod**

Aċċessorji, sperparts u għodod mibgħuta bħala parti minn tagħmir, makkinarju, apparat jew vettura, li huma parti mit-tagħmir normali u huma inklużi fil-prezz tiegħu jew li mhumiex b'fattura separata, għandhom jitqiesu li jiffurmaw it-total ma' dak it-taġħmir, makkinarju, apparat jew vettura kkonċernata.

Artikolu 10**Settijiet**

Settijiet, kif definiti fir-regola Ġenerali 3 tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu oriġinarji meta l-prodotti komponenti kollha huma oriġinarji. Minkejja dan, meta set huwa magħmul minn prodotti oriġinarji u mhux oriġinarji, is-sett bħala entità sħiħa għandu jitqies bħala oriġinarju, sakemm il-valur tal-prodotti mhux oriġinarji ma jaqbix il-15 % tal-prezz ex-fabbrika tas-sett.

Artikolu 11**Elementi newtrali**

Sabiex jiġi ddeterminat jekk prodott huwiek prodott ta' oriġini, ma hemmx għalfejn li jiġi ddeterminat l-oriġini ta' dawn li ġejjin li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

- (a) enerġija u fjuwil;
- (b) impjant u apparat

- (c) makkinarju u għodod;
- (d) oġġetti li ma jidħlux u li mħumiex intenzjonati li jidħlu fil-kompożizzjoni finali tal-prodott.

TITOLU III

REKWIŻITI TERRITORJALI

Artikolu 12

Prinċipju ta' territorjalità

1. Għajr kif previst fl-Artikolu 2(1)(c), l-Artikolu 3 u 4 u l-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-kondizzjonijiet għall-ksib ta' status oriġinarju stipulat fit-Titolu II għandhom jintlaħqu mingħajr interruzzjoni fil-Komunità jew fit-Turkija.

2. Minbarra kif previst fl-Artikolu 3 u 4, fejn oġġetti oriġinarji esportati mill-Komunità jew mit-Turkija lejn pajiż ieħor jiġu lura, għandhom jitqiesu li mħumiex oriġinarji, hliex jekk jista' jintwera b' mod li jissodisa lill-awtoritajiet doganali li:

- (a) l-oġġetti li ġew lura huma l-istess bħal dawk li ġew esportati;

u

- (b) ma għaddewx minn kwalunkwe operazzjoni lil hinn minn dik meħtieġa biex tippreservahom f'kondizzjoni tajba waqt li kienu jinsabu f'dak il-pajiż jew waqt li kienu qegħdin jiġi esportati.

3. L-akkwist ta' status oriġinarju skont il-kondizzjonijiet stipulati fit-Titolu II ma għandux jiġi affetwat bix-xogħol jew l-iproċessar li seħħi 'il barra mill-Komunità jew it-Turkija fuq materjali esportati mill-Komunità jew mit-Turkija u sussegwentament importati mill-ġdid hemmhekk, sakemm:

- (a) il-materjali msemmija huma miksuba totalment fil-Komunità jew fit-Turkija jew għaddew minn xogħol jew iproċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 qabel ma ġew esportati;

u

- (b) jista' jintwera b'mod li jissodisa lill-awtoritajiet doganali li:

- (i) l-oġġetti li ġew importati mill-ġdid inkisbu billi inħadmu jew ġew iproċessati l-materjali esportati;

u

- (ii) il-valur totali li nkiseb 'il barra mill-Komunità jew it-Turkija billi ġew applikati d-dispożizzonijiet ta' dan l-Artikolu ma jaqbiżx l-10 % tal-prezz ex-fabbrika tal-prodott aħħari li għaliex qiegħed jiġi ddikjarat status oriġinarju.

4. Għall-għanijiet tal-paragrafu 3, il-kondizzjonijiet sabiex jiġi akkwistat status oriġinarju stipulat fit-Titolu II ma għandux

japplika għal xogħol jew iproċessar li sar 'il barra mill-Komunità jew mit-Turkija. Iżda fil-każ li, fil-lista tal-Anness II, tiġi applikata regola li tistipula valur massimu għall-materjali kollha li mħumiex oriġinarji inkorporati sabiex jiġi ddeterminat l-status oriġinarju tal-prodott aħħari, il-valur totali tal-materjali li mħumiex oriġinarji inkorporati fit-territorju tal-parti kkonċernata, meħud flimkien mal-valur totali akkwistat 'il barra mill-Komunità jew mit-Turkija bili jiġi applikati d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, ma għandhom jaqbū l-persentaġġ iddiċċi.

5. Bl-ġhanijiet li jiġi applikati d-dispożizzonijiet tal-paragrafi 3 u 4, "valur miżjud totali" għandu jittieħed bħala l-ispejjeż kollha li ġejjin minn barra l-Komunità jew it-Turkija, inkluż il-valur tal-materjali inkorporati hemmhekk.

6. Id-dispożizzonijiet tal-paragrafi 3 u 4 ma għandhomx japplikaw għal prodotti li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness II jew li jistgħu jitqiesu maħduma jew iproċessati suffiċċientement fil-każ biss li tiġi applikata t-toleranza ġenerali ffissata fl-Artikolu 6(2).

7. Id-dispożizzonijiet tal-paragrafi 3 u 4 ma għandhomx japplikaw għal prodotti tal-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

8. Kwalunkwe xogħol jew iproċessar tat-tip kopert mid-dispożizzonijiet ta' dan l-Artikolu u magħmul barra mill-Komunità jew it-Turkija għandu jsir taħt l-arranġamenti li jaqgħu taħt iproċessar passiv jew arranġamenti simili.

Artikolu 13

Trasport dirett

1. It-trattament preferenzjali previst taħt dan il-Ftehim japplika biss għal prodotti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Protokoll, li huma trasportati direttament bejn il-Komunità u t-Turkija jew minn ġewwa t-territorji ta' pajiżi oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li magħhom hija applikabbli l-akkumulazzjoni. Minkejja dan, prodotti li jikkostitwixxu konsenja waħda jistgħu jiġi trasportati minn ġewwa territorji permezz ta', jekk tinqala' l-okkażjoni, trasbord jew magażinaġġ temporanju ftali territorji, sakemm dawn jibqgħu taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet doganali fil-pajiż tat-tranżitu jew tal-magħażinaġġ u li ma jgħaddu mill-ebda operazzjoni hliex il-ħatt, it-tagħbiha mill-ġdid jew xi operazzjoni ddiżiñjata li tippreservahom f'kondizzjoni tajba.

Prodotti oriġinarji jistgħu jkunu ttrasportati permezz ta' sensiela ta' katusi li jgħaddu minn fuq territorju ieħor minbarra dak tal-Komunità jew tat-Turkija.

2. Evidenza li l-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ikunu ġew issodisfati tista' tkun fornita lill-awtoritajiet doganali tal-pajiż tal-importazzjoni bil-produzzjoni ta':

- (a) dokument wieħed tat-transport li jkopri l-passaġġ mill-pajiż tal-esportazzjoni minn ġewwa l-pajiż tat-tranżitu; jew

(b) ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tat-tranżitu:

- (i) li jagħti deskrizzjoni eżatta tal-prodotti;
- (ii) li jistqarr id-dati tal-ħatt u tat-tgħabija mill-ġdid tal-prodotti u, meta applikabbli, l-ismijiet tal-vapuri użati, jew tal-mezzi l-oħrajn tat-trasport użati

u

- (iii) jiċċertifika l-kondizzjonijiet li l-prodotti kienu baqgħu fihom fil-pajjiż tat-tranżitu; jew

(c) fin-nuqqas ta' dawn, kwalunkwe dokument li jissostanzja-hom.

Artikolu 14

Wirjet

1. Prodotti oriġinarji, mibgħuta għal wirja f'pajjiż apparti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 3 u 4 li biha hija applikabbli l-akkumulazzjoni u li jinbiegħu wara l-wirja għall-importazzjoni fil-Komunità jew fit-Turkija għandhom jibbenfikaw fil-mument tal-importazzjoni mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim sakemm jint-wera b'mod li jissodisa lill-awtoritajiet doganali li:

- (a) esportatur kien ikkonserja dawn il-prodotti mill-Komunità jew mit-Turkija lejn il-pajjiż li fis qiegħda tinżamm il-wirja u li wrihom hemmhekk;
- (b) il-prodotti nbiegħu jew ingħataw b'mod ieħor minn dak l-esportatur lejn persuna fil-Komunità jew fit-Turkija;
- (c) il-prodotti kienu kkonsenjati matul il-wirja jew immedjament warajha fl-istat li fis dawn intbagħtu għall-wirja;

u

(d) il-prodotti ma kinux, sa minn meta kienu kkonsenjati għall-wirja, użati għal xi skop minbarra dak ta' demostrazzjoni fil-wirja.

2. Prova tal-oriġini għandha tinħareġ jew issir skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV u ppreżentata lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni fil-manjira normali. L-isem u l-indirizz tal-wirja għandhom ikunu indikati fuqha. Meta meħtieġ, evidenza dokumentarja addizzjonali tal-kondizzjonijiet li fis hom dawn kienu ġew eżebiti, tista' wkoll tintalab bħala rekwiżit.

3. Il-paragrafu 1 għandu jaapplika għal kwalunkwe wirja kummerċjali, industrijali, agrikola jew tal-artiġġjanat, fiera jew wirja pubblika li ma tkunx organizzata għal skopijiet privati fi ħwienet jew postijiet ta' negozju bl-għan tal-bejgħ ta' oġġetti barranin, u li matulha l-prodotti jibqgħu taħt kontroll doganali.

TITOLU IV

RIFUŻJONI JEW EŻENZJONI

Artikolu 15

Projbizzjoni ta' rifużjoni ta' taxxi doganali jew eżenzjoni minnhom

1. (a) Materjali li mhumiex oriġinarji użati fil-manifattura ta' prodotti li jorġinaw fil-Komunità jew fit-Turkija jew fwieħed mill-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li għalihom inħarġet jew saret prova ta' oriġini skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V ma għandhomx ikunu soġġetti għal rifużjoni ta' taxxi doganali ta' kwalunkwe tip jew għal eżenzjoni minnhom fil-Komunità jew fit-Turkija.

(b) Prodotti li jaqgħu fi ħdan il-Kapitolu 3 u l-intestaturi 1604 u 1605 tas-Sistema Armonizzata u li jorġinaw fil-Komunità kif previst fl-Artikolu 2(1)(c), li għalihom inħarġet jew saret prova ta' oriġini skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V ma għandhomx ikunu soġġetti għal rifużjoni ta' taxxi doganali ta' kwalunkwe tip jew għal eżenzjoni minnhom fil-Komunità.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika għal kwalunkwe arrangiament għal rifużjoni, tnaqqis, jew non-pagament, parżjali jew sħiħ, tad-dazji jew ħlasijiet doganali li għandhom effett ekwivalenti, applikabbli fil-Komunità jew fit-Turkija lil materjali użati fil-manifattura u lil prodotti koperti bil-paragrafu 1 (b) hawn fuq, meta din it-tip ta' rifużjoni, tnaqqis jew non-pagament, tapplika, espressivament jew effettivament, meta prodotti li nkisbu mill-materjali msemmija huma esportati u mhux meta jinżammu għall-użu fid-djar hemmhekk.

3. L-esportatur ta' prodotti koperti bi prova ta' oriġini għandu jkun lest jippreżenta fi kwalunkwe waqt, fuq talba mill-awtoritajiet doganali, id-dokumenti xierqa kollha li jagħtu prova li ma nkisbet l-ebda rifużjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' materjali li mhumiex oriġinarji użati fil-manifattura tal-prodotti kkonċernati u li d-dazji jew ħlasijiet doganali kollha li għandhom effett ekwivalenti applikabbli għal dawn it-tipi ta' materjali, kienu fil-fatt tħallsu.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 3 għandhom jaapplikaw ukoll fir-rigward tal-ippakkjar fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 8(2), aċċessorji, sperparts u għodod fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 9 u l-prodotti f'sett fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 10 meta dawn it-tipi ta' oġġetti mhumiex oriġinarji.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 4 għandhom jaapplikaw biss fir-rigward ta' materjali li huma tat-tip li għalihom jaapplika il-Ftehim. Barra minn hekk, ma għandhomx jippreklu l-applikazzjoni ta' sistema ta' rifużjoni ta' esportazzjoni għal prodotti agrikoli, applikabbli fil-mument tal-esportazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

TITOLU V

PROVA TA' ORIĠINI

Artikolu 16

Rekwiżiti ġenerali

1. Prodotti li jorġinaw fil-Komunità għandhom, fil-mument ta' importazzjoni fit-Turkija u prodotti li jorġinaw fit-Turkija għandhom, fil-mument ta' importazzjoni fil-Komunità jibbenefikaw mill-Ftehim fil-mument li ssir preżentazzjoni ta' waħda minn dawn il-provi ta' oriġini li ġejjin:

- (a) ċertifikat ta' ċaqliq tal-EUR 1, li mudell tiegħu jidher fl-Anness III a;
- (b) ċertifikat ta' ċaqliq tal-EUR-MED, li mudell tiegħu jidher fl-Anness III b;
- (c) fil-każijiet spċificati fl-Artikolu 22(1), dikjarazzjoni, susseġwentament imsejħa 'id-dikjarazzjoni tal-fattura' jew 'id-dikjarazzjoni tal-fattura tal-EUR-MED' mogħtija mingħand l-esportatur fuq fattura, irċevuta postali jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodotti kkonċernati f'dettal suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jiġi identifikasi; it-testi tad-dikjarazzjoni jidher jidher fl-Annessi IV a u b.

2. Minkejja l-paragrafu 1, prodotti oriġinarji fi ħdan it-tifsira ta' dan il-Protokoll għandhom, fil-każijiet spċificati fl-Artikolu 27, jibbenefikaw mill-Ftehim mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi preżentat kwalunkwe prova ta' oriġini msemmija f'paragħu 1.

Artikolu 17

Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat għal ċaqliq tal-EUR.1 jew l-EUR-MED

1. Ċertifikat għal ċaqliq tal-EUR 1 jew EUR-MED għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni fil-mument li l-applikazzjoni tkun saret bil-miktub mingħand l-esportatur jew, mingħand ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, bir-responsabilità taqa' fuq l-esportatur.

2. Għal dan l-għan, l-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jimla" kemm iċ-ċertifikat tal-moviment EUR jew EUR-MED kif ukoll il-formola ta' applikazzjoni, li mudelli tagħha jidher fl-Annessi III a u b. Dawn il-formoli għandhom jidtekk f'wiegħed mill-ilsna li fihom tfassal dan il-Ftehim u skont id-dispożizzjoni jidher tal-l-ġiġi nazzjonali tal-pajjiż tal-esportazzjoni. Jekk miktuba bl-idejn, għandhom jidtekk bil-linka b'karattri stampati. Id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tingħata fil-kaxxa riżervata għal dan l-iskop mingħajr ma jitħallew ebda linji vojt. Meta l-kaxxa ma tkun kompletament mimilja, linja orizzontali għandha tkun miġbuda taħt l-akċċar linja tad-deskrizzjoni, bl-ispazju vojt maqtugħ.

3. L-esportatur li jaapplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED għandu jkun lest li fi kwalunkwe waqt jippreżenta, mat-talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni ta' minn fejn iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1

jew EUR-MED ikun maħruġ, id-dokumenti xierqa kollha sabiex jagħti prova tal-istatus oriġinanti tal-prodotti kkonċernati kif ukoll dwar it-twettieq tal-ħtiġiet l-oħrajn ta' dan il-Protokoll.

4. Mingħajr pregħiduzzju għall-paragrafu 5, ċertifikat taċ-ċaqliq EUR 1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru tal-Komunità jew tat-Tunezja fil-każijiet li ġejjin:

- jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorġinaw fil-Komunità, fit-Turkija jew f'wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3(1) u 4(1) u li bihom l-akkumulazzjoni hija applikabbli, mingħajr applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li jorġinaw f'wieħed mill-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 3(2) u 4(2), u jilħqu r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll;
- jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorġinaw f'wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 (2) u 4(2) li magħhom l-akkumulazzjoni hija applikabbli, mingħajr applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li jorġinaw f'wieħed mill-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4, u jilħqu r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll, sakemm ċertifikat EUR-MED jew dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED inħarġu fil-pajjiż tal-oriġini;
- 5. Ċertifikat ta' moviment EUR-MED għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru tal-Komunità jew tat-Turkija, jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorġinaw fil-Komunità, fit-Turkija jew f'wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li bihom l-akkumulazzjoni hija applikabbli, jilħqu r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll u:
- akkumulazzjoni kienet applikata ma' materjali li jorġinaw f'wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3(2) u 4(2), jew
- il-prodotti jistgħu jintużaw bħala materjali fil-kuntest tal-akkumulazzjoni għall-manifattura ta' prodotti għall-esportazzjoni lejn wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3(2) u 4(2), jew
- il-prodotti jistgħu jiġi esportati mill-ġdid mill-pajjiżi destinatarju lejn wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3(2) u 4(2).
- 6. Ċertifikat ta' moviment EUR-MED għandu jkollu fih wieħed mill-istqarrrijiet li ġejjin bl-Ingliż fil-kaxxa 7:

— jekk l-oriġini nkisbet bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni b'materjali li jorġinaw f'wieħed jew aktar mill-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4:

"CUMULATION APPLIED WITH"(isem tal-pajjiż/pajjiżi)

— jekk l-oriġini nkisbet mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni b'materjali li jorġinaw f'wieħed jew aktar mill-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4:

"NO CUMULATION APPLIED"

7. L-awtoritajiet doganali li joħorġu ċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED għandhom jieħdu kull pass meħtieġ sabiex jivverifikaw l-istatus ta' oriġini tal-prodotti u li ntlaħqu r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll. Għal dan il-għan, għandhom ikollhom id-dritt sabiex iseħju kwalunkwe evidenza u jwettqu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq. Għandhom ukoll jiżguraw li l-formoli msemmija fil-paragrafu 2 imtlew kif suppost. B'mod partikolari, għandhom jikkontrollaw jekk l-ispażju rrисervat għad-deskrizzjoni tal-prodotti m'teliex b'tali mod li jeskludi kull possibilità ta' żidiet qarrieqa.

8. Id-data ta' ħruġ taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED għandha tkun indikata fil-Kaxxa 11 taċ-ċertifikat.

9. Ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali u jkun disponibbli għall-esportatur hekk kif l-esportazzjoni nnifisha tkun seħħet jew tiġi żgurata.

Artikolu 18

Ċertifikati ta' ċaqliq tal-EUR.1 jew l-EUR-MED maħruġa retrospettivamente

1. Minkejja l-Artikolu 17(9), ċertifikat tal-moviment EUR. 1 jew EUR-MED jista' jinħareġ b'mod eċċeżżjonali wara l-esportazzjoni tal-prodotti li għandhom x'jaqsmu miegħu:

(a) ma nħariġx fil-mument tal-esportazzjoni minħabba żbalji jew ommissjonijiet involontarji jew ċirkostanzi speċjal;

jew

(b) jiintwera b'mod li jissodisfa lill-awtoritajiet doganali li ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED inħareġ iż-żda ma ġiex aċċettat waqt l-importazzjoni minħabba raġunijiet tekniċi.

2. Minkejja l-Artikolu 17(9), Ċertifikat tal-moviment EUR-MED jista' jinħareġ wara l-esportazzjoni tal-prodotti li għandhom x'jaqsmu miegħu u li għalihom inħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 fil-mument tal-esportazzjoni, sakemm tingħata prova b'mod li jissodisfa lill-awtoritajiet doganali li l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 17 (5) ġew ssodisfati.

3. Għall-implementazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, l-esportatur għandu jindika fl-applikazzjoni tiegħu l-post u d-data tal-esportazzjoni tal-prodotti li għandhom x'jaqsmu maċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED, u jiddikjara r-raġunijiet għatalba tiegħu.

4. L-awtoritajiet doganali jistgħu joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED retrospettivamente biss wara li jkunu

vverifikaw li t-tagħrif ipprovdut fl-applikazzjoni tal-esportatur jaqbel ma' dak li jinsab fil-fajl korrispondenti.

5. Ċertifikati tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED maħruġa retrospettivamente għandhom jiġu approvati b'din il-frażi li ġejja bl-Ingliż:

“ISSUED RETROSPECTIVELY”

Ċertifikati tal-moviment EUR-MED maħruġa retrospettivamente bl-applikazzjoni tal-paragrafu 2 għandhom jiġu approvati b'din il-frażi li ġejja bl-Ingliż:

“ISSUED RETROSPECTIVELY (Original EUR.1 no[data u post ta' ħruġ]”

6. L-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 għandha tiddah-hal fil-kaxxa 7 taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED.

Artikolu 19

Ħruġ fżewwg kopji ta' ċertifikat tal-moviment EUR jew EUR-MED

1. Fil-każ ta' serq, telf jew qerda taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED, l-esportatur jista' japplika għand l-awtoritajiet doganali li harġuhulu għal kopja magħmula abbażi tad-dokument tal-esportazzjoni li qiegħed fil-pussess tagħhom.

2. Il-kopja maħruġa b'dan il-mod għandha tiġi approvata b'din il-kelma li ġejja bl-Ingliż:

“DUPLICATE”

3. L-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddah-hal fil-Kaxxa 7 tal-kopja taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED.

4. Il-kopja, li jrid ikollha d-data ta' ħruġ taċ-ċertifikat oriġinali tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED, għandha tidħol fis-sejjha minn dik id-data.

Artikolu 20

Ħruġ ta' ċertifikati tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED fuq il-bażi ta' prova ta' oriġini maħruġa jew li saret qabel

Meta prodoti oriġinarji jitqegħdu taħt il-kontroll ta' uffiċċju doganali fil-Komunità jew fit-Turkija, għandha tkun possibbli li tinbidel il-prova ta' oriġini oriġinali b'ċertifikat wieħed jew aktar ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED bl-għan li dawn il-prodotti kollha jew uħud minnhom jintbqħu x' imkien ieħor fil-Komunità jew fit-Turkija. Iċ-ċertifikat/ċertifikati sostitut/sostituti tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED għandhom jinħarġu mill-uffiċċju doganali li taħtu tqiegħdu l-kontroll tal-prodotti.

Artikolu 21

Segregazzjoni tal-kontabilità

1. Fil-każijiet fejn jinqalgħu spejeże konsiderevoli jew diffikultajiet materjali fiż-żamma ta' ħażniet ta' materjali oriġinarji u materjali mhux oriġinarji li huma identiċi u jistgħu jitpartu, l-awtoritajiet doganali jistgħu, mat-talba bil-miktub ta' dawk ikkonċernati, jawtorizzaw li jintuża l-metodu hekk imsejjaħ "segregazzjoni tal-kontabilità" (hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-metodu") għal ġestjoni ta' dawn it-tipi ta' ħażniet.
2. Il-metodu għandu jkun kapaċi jiġi għall-perjodu ta' referenza speċifiku, in-numru ta' prodotti miksuba li jistgħu jittqies bħala "oriġinarji" huwa l-istess bħal dak li kien jinkiseb li kieku kien hemm segregazzjoni fiżika tal-ħażniet.
3. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħmlu l-għot iż-awtorizzazzjoni msemmij f'paragrafu 1 soġġetta għal kwalunkwe kondizzjoni li titqies xierqa.
4. Dan il-metodu għandu jiġi applikat u l-applikazzjoni tiegħu reġistrata fuq il-bażi tal-prinċipji ġenerali tal-kontabilità applikabbli fil-pajjiż fejn il-prodott kien immanifatturat.
5. Il-benefiċjarju tal-metodu jista' jagħmel provi ta' oriġini jew jaapplika għalihom, skont kif ikun il-każ, għall-kwantità ta' prodotti li jistgħu jittqies oriġinarji. Fuq it-talba tal-awtoritajiet doganali, il-benefiċjarju għandu jipprovd stqarrja ta' kif kienu mmexxija l-kwantitat.
6. L-awtoritajiet doganali għandhom jissorveljaw l-użu li sar mill-awtorizzazzjoni u jistgħu jirtirawha meta l-benefiċjarju jagħmel użu li mħluwiex xieraq mill-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe mod possibbi jew jonqos milli jilha q kwalunkwe kondizzjoni oħra stipulata f'dan il-Protokoll.

Artikolu 22

Kondizzjonijiet għal kumpilazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' fattura jew ta' dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED

1. Kwalunkwe dikjarazzjoni ta' fattura jew dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED kif imsemmija fl-Artikolu 16(1)(c) tista' timtela:
 - (a) minn esportatur approvat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 23, jew
 - (b) minn kwalunkwe esportatur għal kwalunkwe konsenja li tikkonsisti minn pakket wieħed jew aktar li fih/fihom prodotti oriġinarji li għandhom valur totali li ma jaqbix is-EUR 6 000.
2. Bla preġudizzju għall-paragrafu 3, dikjarazzjoni tal-fattura tista' tiġi kumpilata fil-każijiet li ġejjin:
- jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jittqiesu bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fit-Turkija jew f'wieħed mill-pajjiż l-oħra msemmija fl-Artikoli 3(1) u 4(1) u li bihom l-akkumulazzjoni hija applikabbli, mingħajr applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiż msemmija fl-Artikoli 3(2) u 4(2), u jilħqu r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll;

- jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jittqiesu bħala prodotti li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiż l-oħra msemmija fl-Artikoli 3(2) u 4(2) li magħhom l-akkumulazzjoni hija applikabbli, mingħajr applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiż msemmija fl-Artikoli 3 u 4, u jilħqu r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll, sakemm ċertifikat EUR-MED jew dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED inħarġu fil-pajjiż tal-oriġini;
 - 3. Dikjarazzjoni tal-fattura EUR-MED tista' timtela jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jittqiesu bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fit-Turkija, jew f'wieħed mill-pajjiż msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li magħhom l-akkumulazzjoni hija applikabbli, mingħajr applikazzjoni tal-akkumulazzjoni ma' materjali li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiż msemmija fl-Artikoli 3(2) u 4(2), u jilħqu r-rekwiżiti ta' dan il-Protokoll u:
 - akkumulazzjoni kienet applikata ma' materjali li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiż l-oħra msemmija fl-Artikoli 3(2) u 4(2), jew
 - il-prodotti jistgħu jintużaw bħala materjali fil-kuntest tal-akkumulazzjoni għall-manifattura ta' prodotti għall-esportazzjoni lejn wieħed mill-pajjiż l-oħra msemmija fl-Artikoli 3(2) u 4(2), jew
 - il-prodotti jistgħu jiġi esportati mill-ġdid mill-pajjiż destinatarju lejn wieħed mill-pajjiż l-oħra msemmija fl-Artikoli 3(2) u 4(2).
 - 4. Dikjarazzjoni tal-fattura EUR-MED għandha jkun fiha waħda mill-istqarrijet li ġejjin bl-Ingliż:
 - jekk l-oriġini nkisbet bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni b'materjali li joriġinaw f'wieħed jew aktar mill-pajjiż msemmija fl-Artikoli 3 u 4:

"CUMULATION APPLIED WITH"(isem tal-pajjiż/pajjiż)
 - jekk l-oriġini nkisbet mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni b'materjali li joriġinaw f'wieħed jew aktar mill-pajjiż msemmija fl-Artikoli 3 u 4:
- "NO CUMULATION APPLIED"
5. L-esportatur li jimla dikjarazzjoni tal-fattura jew dikjarazzjoni tal-fattura EUR-MED għandu jkun lest li jippreżenta fi kwalunkwe waqt, fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni, id-dokumenti kollha xierqa li jagħtu prova tal-istatus oriġinarju tal-prodotti kkonċernati kif ukoll li qiegħdin jintlaħqu r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.
 6. Dikjarazzjoni tal-fattura jew dikjarazzjoni tal-fattura EUR-MED għandha timtela mill-esportatur permezz ta' ttajjeb, ittimbrar jew stampar fuq il-fattura, l-irċevuta postali jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor, id-dikjarazzjoni, li t-test tagħha jidher fl-Anness IV u a b, billi juża l-verżjoni jiet lingwistċi stipulati f'dak l-Anness u skont id-disposizzjonijiet talli-nazzjonali tal-pajjiż tal-esportazzjoni. Jekk id-dikjarazzju tkun miktuba bl-idejn, din għandha tkun miktuba bil-linka fkarattri qishom tipi stampati.

7. Id-dikjarazzjonijiet tal-fattura jew id-dikjarazzjonijiet tal-fattura EUR-MED għandhom ikollhom firma oriġinali magħmula bil-miktub mill-esportatur. Minkejja dan, esportatur approvat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 23 ma għandux bżonn jiffirma dawn it-tipi ta' dikjarazzjonijiet sakemm ikun forna impenn bil-miktub lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni li huwa jaċċetta r-responsabilità sħiħa għal kwalunkwe dikjarazzjoni fuq il-fattura li tidentifikah bħala li kienet iffirmata minnu bil-miktub.

8. Kwalunkwe dikjarazzjoni ta' fattura jew dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED tista' tiġi kkumpilata mill-esportatur meta l-prodotti li għandhom x'jaqsmu mad-dikjarazzjoni jiġu esportati, jew wara l-esportazzjoni bil-kondizzjoni li hija ppreżentata fil-pajjiż tal-importazzjoni mhux aktar tard minn sentejn wara l-importazzjoni tal-prodotti li tikkonċernhom.

Artikolu 23

Esportatur approvat

1. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni jistgħu jawtorizzaw lil kwalunkwe esportatur, minn issa 'l quddiem "l-esportatur approvat", li jagħmel konsenji spissi ta' prodotti li jaqgħu taħt dan il-Ftehim li jimla d-dikjarazzjonijiet tal-fattura jew id-dikjarazzjonijiet tal-fattura EUR-MED irrispettivament mill-valur tal-prodotti kkonċernati. Esportatur li jfitteż din it-tip ta' awtorizzazzjoni b'tali mod li jissodisa lill-awtoritajiet doganali, jista' joffri l-garanziji kolla meħtieġa sabiex dawn jivverifikaw l-istatus orīginarju tal-prodotti kif ukoll jivverifikaw it-twettieq tar-rekwiżi l-oħrajn ta' dan il-Protokoll

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu l-istatus ta' esportatur approvat soġġett għal kwalunkwe kondizzjoni li huma jqis u xierqa.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu lill-esportatur approvat, numru doganali ta' awtorizzazzjoni li għandu jkun jidher fuq id-dikjarazzjoni tal-fattura jew id-dikjarazzjoni tal-fattura EUR-MED.

4. L-awtoritajiet doganali għandhom jissorveljaw l-użu tal-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.

5. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe waqt. Għandhom jagħmlu dan meta l-esportatur approvat ma jkunx qiegħed joffri aktar il-garanziji msemmija fil-paragrafu 1, ma jkunx qiegħed jilħaq il-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jew b'mod ieħor jagħmel użu ħażin mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 24

Validità ta' prova ta' orīġini

1. Prova tal-orīġini għandha tkun valida għal erba' xħur mid-data tal-ħruġ fil-pajjiż tal-esportazzjoni, u għandha tkun ippreżentata matul il-perjodu msemmi lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni.

2. Provi tal-orīġini li jkunu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni wara d-data finali għall-

preżentazzjoni kif spċifikata fil-paragrafu 1 jistgħu jintlaqqhu għall-għan li jkun applikat trattament preferenziali, meta n-nuqqas li jkunu ppreżentati dawn id-dokumenti sad-data finali jkun seħħ minħabba raġunijiet ta' ċirkostanzi eċċeżżjonali.

3. F'każżejjiet oħra jn ta' preżentazzjoni li saret tard, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni jistgħu jaċċettaw il-prova tal-orīġini meta l-oġġetti jkunu ġew ippreżentati lilhom qabel id-data finali msemmija.

Artikolu 25

Preżentazzjoni ta' prova tal-orīġini

Il-provi tal-orīġini għandhom ikunu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni skont il-proċeduri applikabbi f'dak il-pajjiż. L-awtoritajiet imsemmija jistgħu wkoll jitbolu traduzzjoni tal-prova tal-orīġini u jistgħu wkoll jitbolu li ddikjarazzjoni ta' importazzjoni tkun akkumpanjata bi stqarrija mingħand l-importatur li fiha jiddikjara li l-prodotti jkunu jilħqu l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-implementazzjoni tal-Ftehim.

Artikolu 26

Importazzjoni f'puntati

Meta, mat-talba tal-importatur u bil-kondizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni, prodotti żarnati jew mhux armati li jaqgħu fi ħdan it-tifsira tar-Regola Ġenerali 2(a) tar-Sistema Armonizzata li jidħlu fi ħdan it-Taqsimiet XVI u XVII jew l-intestaturi Nri 7308 u 9406 tas-Sistema Armonizzata jkunu importati f'puntati, prova waħda tal-orīġini għal dawn it-tipi ta' prodotti għandha tkun ippreżentata lill-awtoritajiet doganali hekk kif issir l-importazzjoni tal-ewwel puntata.

Artikolu 27

Eżenzjonijiet mill-prova ta' orīġini

1. Il-prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati jew li jifformaw parti mill-bagħali personali ta' vjaġġaturi għandhom ikunu ammessi bħala prodotti orīginari mingħajr ma jirrik jedu l-preżentazzjoni ta' prova formal i tal-orīġini, sakemm dawn il-prodotti ma jkunux importati f'għamlu ta' kummerċ u jkunu ddikjarati li jilħqu l-htigġiġiet ta' dan il-Protokoll u meta ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-eżattezza ta' din it-tipi ta' dikjarazzjoni. Fil-każ ta' prodotti mibgħuta bil-posta, din id-dikjarazzjoni tista' ssir fuq id-dikjarazzjoni doganali NM22/NM23 jew fuq folja karta annessa ma' dak id-dokument.

2. Importazzjoni li tkun okkażjonali u li tikkonsisti biss minn prodotti għall-użu personali ta' min jirċievi jew tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom ma għandhomx jitqiesu bħala importazzjoni f'għamlu ta' kummerċ jekk ikun evidenti min-natura u l-kwantità tal-prodotti li ma hemm l-ebda ħsieb ta' skop kummerċjali.

3. Aktar minn hekk, il-valur totali ta' dawn il-prodotti ma għandux jaqbeż il-500 euro fil-każ ta' pakketti żgħar jew l-1 200 euro fil-każ ta' prodotti li jifformaw parti mill-bagħali personali tal-vjaġġaturi.

Artikolu 28

Dokumenti ta' sostenn

Id-dokumenti msemmija fl-Artikoli 17(3) u 22(5) użati għall-iskop li jagħtu prova li l-prodotti koperti b'ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED, jew b'dikjarazzjoni tal-fattura EUR-MED, jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorjginaw fil-Komunità, fit-Turkija jew fwieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u li jilħqu r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll, jistgħu jkunu magħmula, *inter alia*, minn dawn li ġejjin:

- (a) evidenza diretta tal-ipproċessar imwettaq mill-esportatur jew mill-fornitur sabiex jakkwista l-oġġetti kkonċernati, li jinsabu, pereżempju, fil-kontijiet tiegħu jew fiż-żamma tal-kotba interni tiegħu;
- (b) dokumenti li jagħtu prova tal-istatus orīginarju tal-materjali użati, maħruġa jew mimlija fil-Komunità jew fit-Turkija meta dawn id-dokumenti jintużaw skont il-liġi nazzjonali;
- (c) dokumenti li jagħtu prova li x-xogħol jew l-ipproċessar tal-materjali fil-Komunità jew fit-Turkija, maħruġa jew mimlija fil-Komunità jew fit-Turkija, meta dawn id-dokumenti jintużaw skont il-liġi nazzjonali;
- (d) ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew EUR-MED jew dikjarazzjoni tal-fattura jew dikjarazzjoni tal-fattura EUR-MED li jagħtu prova tal-istatus orīginarju tal-materjali użati, maħruġa jew mimlija fil-Komunità jew fit-Turkija skont dan il-Protokoll, jew fwieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4, skont ir-regoli ta' orīġini li huma identiċi mar-regoli f'dan il-Protokoll.
- (e) evidenza xierqa li għandha x'taqsam max-xogħol jew l-ipproċessar li twettaq "il barra mill-Komunità jew mit-Turkija b'applikazzjoni tal-Artikolu 12, li tagħti prova li r-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu ġew issodisfati.

Artikolu 29

Iż-Żamma tal-prova ta' orīġini u dokumenti ta' sostenn

1. L-esportatur li jaapplika għall-kwistjoni taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED għandu jżomm id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 17(3) għal mill-anqas tliet snin.
2. L-esportatur li jimla dikjarazzjoni tal-fattura jew dikjarazzjoni tal-fattura EUR-MED għandu jżomm kopja ta' din id-dikjarazzjoni tal-fattura kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 22(5) għal mill-anqas tliet snin.
3. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni li joħorġu ċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED għandhom iż-żommu d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 17(2) għal mill-anqas tliet snin.
4. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni għandhom iż-żommu d-dokumenti msemmija fl-Artikolu 17(2) għal mill-anqas tliet snin iċ-ċertifikati tal-

moviment EUR.1 u EUR-MED kif ukoll id-dikjarazzjoni jiet tal-fattura u d-dikjarazzjoni jiet tal-fattura EUR.1 u EUR-MED li ġew ippreżentati lilhom.

Artikolu 30

Diskrepanzi u żbalji formali

1. L-iskoperta ta' diskrepanzi żgħar bejn l-istqarrijiet magħmula fil-prova tal-oriġini u dawk magħmula fid-dokumenti ppreżentati lill-uffiċċju doganali għall-iskop li jitwettqu l-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti ma għandhiex *ipso facto* tannulla l-prova tal-oriġini jekk ikun stabbilit sewwa li dan id-dokument fil-fatt ikun jaqbel mal-prodotti ppreżentati
2. Żbalji formali ovvji bħal żbalji tat-tajping fil-prova tal-oriġini ma għandhomx iwasslu sabiex id-dokument jiġi rifżutat jekk dawn l-iż-żbalji mhumiex magħmula b'tali mod li joħolqu dubji f'dak li għandu x'jaqsam mal-korrettezza tal-istqarrijiet magħmula fid-dokument.

Artikolu 31

Ammonti espressi Ċeuro

1. Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 22(1)(b) u l-Artikolu 27(3) f'każżejjiet fejn il-prodotti huma ffaturati f'munita li mħijiex l-euro, l-ammonti fil-munita nazzjonali tal-Istati membri tal-Komunità, tat-Turkija u ta' pajjiżi oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ekwivalenti għall-ammonti espressi Ċeuro għandhom jiġu ffissati kull sena minn kull pajjiż ikkonċernat.
2. Konsenja għandha tibbenefika mid-dispożizzjoni jiet tal-Artikolu 22(1)(b) jew l-Artikolu 27(3) b'referenza għall-munita li filha tkun tfasslet, skont l-ammont iffissat mill-pajjiż ikkonċernat.
3. L-ammonti li għandhom jintużaw fi kwalunkwe munita nazzjonali għandhom ikunu ekwivalenti f'dik il-munita għall-ammonti espressi Ċeuro hekk kif kienu fl-ewwel ġurnata ta' xogħol tax-xahar ta' Ottubru. L-ammonti għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni Ewropea mill-15 ta' Ottubru u għandhom jaapplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tinnotifika lill-pajjiż kollha kkonċernati dwar l-ammont rilevant.

4. Pajjiż jista' jnaqqas jew iżid l-ammont li jirriżulta mill-iskambju għall-munita nazzjonali ta' ammont espress Ċeuro, biex jagħti ċifra għad-dritt. L-ammont mogħiġi għad-dritt ma jistax ikun differenti minn aktar minn 5 % mill-ammont li jirriżulta mill-iskambju. Pajjiż jista' jżomm bla ma jibdel l-ekwivalenti tal-munita nazzjonali ta' ammont espress Ċeuro jekk, fiż-żmien tal-aġġustament annwali previst fil-paragrafu 3, l-iskambju ta' dak l-ammont, qabel ma ngħata għad-dritt, jirriżulta f'żieda ta' anqas minn 15 % fl-ekwiaventi tal-munita nazzjonali. L-ekwivalenti tal-munita nazzjonali tista' tinżamm bla ma tinbidel jekk l-iskambju jirriżulta fi tnaqqis ta' dak il-valur ġew.

5. L-ammonti espressi feuro għandhom jiġu riveduti mill-Kumitat tal-Assoċjazzjoni fuq talba tal-Komunità jew tat-Turkija. Meta titwettaq din ir-reviżjoni, il-Kumitat Konġunt għandu jqis sa liema punt huwa mixtieq li jkunu ppreservati f'termini reali l-effetti tal-limiti kkonċernati. Għal dan il-għan, jista' jiddeċiedi li jimmodifika l-ammonti espressi feuro.

TITOLU VI

ARRANĠAMENTI GĦAL KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 32

Għajnuna reċiproka

1. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Komunità u tat-Turkija għandhom jipprovd u lil xulxin, permezz tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, b'mudelli ta' impressjonijiet tat-timbri użati fl-uffiċċi doganali tagħhom għall-ħruġ taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 u EUR-MED, flimkien mal-indirizzi tal-awtoritajiet doganali responsabbi li jivverifikaw dawn iċ-ċertifikati, dikjarazzjonijiet tal-fattura u dikjarazzjonijiet tal-fattura EUR-MED.

2. Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan il-Protokoll, il-Komunità u t-Turkija għandhom jgħinu lil xulxin, permezz ta' amministrazzjonijiet doganali kompetenti, fil-kontroll tal-awteniċità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 u EUR-MED, id-dikjarazzjonijiet tal-fattura u d-dikjarazzjonijiet tal-fattura EUR-MED u l-eż-żażżezza tat-tagħrif mogħi f'dawn id-dokumenti.

Artikolu 33

Verifika tal-prova tal-oriġini

1. Verifikasi sussegwenti tal-provi tal-oriġini għandhom jitwettqu b'mod każwali jew meta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni għandhom dubji raġonevoli fir-rigward tal-awteniċità ta' dawn it-tipi ta' dokumenti, l-istatus orīginarju tal-prodotti kkonċernati jew it-twettiq tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

2. Għall-għanijiet li jiġi implementati d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni għandhom jroddu lura c-ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED u l-fattura, jekk kienet ippreżentata, id-dikjarazzjoni tal-fattura jew id-dikjarazzjoni tal-fattura EUR-MED, jew kopja ta' dawn id-dokumenti, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni filwaqt li jingħataw, meta xieraq, ir-raġunijiet għat-talba ta' verifika. Kwalunkwe dokument u tagħrif miksub li jissuġġerixxi li t-tagħrif mogħi fil-prova tal-oriġini hija żbaljha għandu jintbagħha biex isostni t-talba għal verifika.

3. Il-verifika għandha titwettaq mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni. Għal dan il-għan, għandhom ikollhom id-dritt sabiex iseħju kwalunkwe evidenza u jwettqu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew kwalunkwe kontroll ieħor meejus xieraq.

4. Jekk l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni jiddeċiedi li jissospendu l-għoti tat-trattament preferenziali lill-

prodotti kkonċernati waqt li jkunu jistennew ir-riżultati tal-verifika, dawn għandhom joffru li jirraxxaw il-prodotti lill-importatur soġġetti għal kwalunkwe miżura ta' prekwazzjoni li huma jidhrilhom meħtieġa.

5. L-awtoritajiet doganali li jitkolbu l-verifika għandhom ikunu informati bir-riżultati ta' din il-verifika malajr kemm jista' jkun. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk id-dokumenti humi awtentiċi u jekk il-prodotti kkonċernati jistgħux jitqiesu bħala prodotti orīginarji fil-Komunità, fit-Turkija jew f'wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u li jkunu jilhq u r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

6. Jekk fil-każijiet ta' dubju raġonevoli ma jkun hemm tweġiba fi żmien għaxar xħur mid-data tat-talba tal-verifika jew jekk it-tweġiba ma jkun filha tagħrif biżejjed sabiex tiġi ddeterminata l-awtenticietà tad-dokument fil-kwistjoni jew sabiex tiġi ddeterminata l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet doganali li jressqu t-talba għandhom, apparti milli fċirkostanzi eċċeżżjoni, jieħdu l-intitolament għall-preferenzi.

Artikolu 34

Soluzzjoni tat-Tilwim

Meta jinqala' tilwim li ma jistax jissolva f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri ta' verifika tal-Artikolu 33 bejn l-awtoritajiet doganali li qeqhdin jitkolbu verifika u l-awtoritajiet doganali li huma responsabbi li jwettqu din il-verifika jew meta titqajjem mistoqsija fir-rigward tal-interpreazzjoni ta' dan il-Protokoll, dawn il-każijiet għandhom jiġi ppreżentati lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

Fil-każijiet kollha s-soluzzjoni tal-tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni għandhom jaqgħu taħt il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż imsemmi.

Artikolu 35

Penali

Għandhom jiġi imposti penali fuq kwalunkwe persuna li timla dokument, jew li tikkawża li jimitla, li fiha tagħrif żbalj bl-għan li jinkiseb trattament preferenzjali għal prodotti.

Artikolu 36

Żoni liberi

1. Il-Komunità u t-Turkija għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li prodotti nneżożżati taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini li waqt it-trasport jużaw żona libera li tinsab fit-territorju tagħhom, ma jinbidlux b'oġġetti oħra u ma jgħadu minn l-ebda tip ta' tmixxja għajnejha operazzjoni normali ddiżiżżi sabiex jipprev jenu d-deteriorazzjoni tagħhom.

2. B" deroga mid-dispożizzjoni li jinsabu fil-paragrafu 1, meta prodotti li jorġiwal fil-Komunità jew it-Turkija jiġi importati f'żona libera taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini u jgħadu minn l-ebda tip ta' tmixxja għajnejha operazzjoni normali ikkonċernati għandhom joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1

Jew EUR-MED ġdid fuq it-talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-iproċċessar li għaddew minnu huwa skont id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll.

TITOLU VII

CEUTA U MELILLA

Artikolu 37

Applikazzjoni tal-Protokoll

1. It-terminu "Komunità" użat fl-Artikolu 2 ma jkoprix lil Ceuta u Melilla.

2. Prodotti li jorġinaw fit-Turkija, meta jiġu importati f'Ceuta jew f'Melilla, għandhom igawdu f'kull aspett l-istess reġim doganali bħal dak applikat għal prodotti li jorġinaw mit-territorju doganali tal-Komunità li jaqa' taħt il-Protokoll 2 tal-Att tal-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portuġiża għall-Komunitajiet Ewropej. It-Turkija għandha tagħti lill-importazzjoni koperta b'dan il-Ftehim u li toriġina f'Ceuta u f'Melilla l-istess reġim doganali bħal dak mogħti lil prodotti importati mill-Komunità u li jorġinaw fiha.

3. Għall-għan tal-applikazzjoni tal-paragrfau 2 fir-rigward ta' prodotti li jorġinaw f'Ceuta u f'Melilla, dan il-Protokoll għandu jaapplika *mutatis mutatis* soġġett għal kondizzjonijiet speċjalisti stipulati fl-Artikolu 38.

Artikolu 38

Kondizzjonijiet speċjali

1. Sakemm kienu ttrasportati direttament skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13, dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala:

(1) prodotti li jorġinaw f'Ceuta jew f'Melilla:

- (a) prodotti li nkisbu totalment f'Ceuta jew f'Melilla;
- (b) prodotti miksuba f'Ceuta jew f'Melilla li fil-manifattura tagħhom, jintużaw dawk il-prodotti li mħumiex imsemmija fl-(a), sakemm:
 - (i) il-prodotti fil-kwistjoni għaddew minn taħt xogħol jew ipproċċessar suffiċċenti fi ħdan it-tifsra tal-Artikolu 6;

jew li

- (ii) dawk il-prodotti li jorġinaw fit-Turkija jew fil-Komunità, sakemm ikun sarilhom xogħol jew ipproċċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7.

(2) prodotti li jorġinaw fit-Turkija:

- (a) prodotti li nkisbu totalment fit-Turkija;

(b) prodotti li nkisbu fit-Turkija, li fil-manifattura tagħ-hom, jintużaw dawk il-prodotti li mħumiex imsemmija fl-(a), sakemm:

- (i) il-prodotti fil-kwistjoni għaddew minn taħt xogħol jew ipproċċessar suffiċċenti fi ħdan it-tifsra tal-Artikolu 6;

jew li

- (ii) dawk il-prodotti li jorġinaw f'Ceuta u f'Melilla jew fil-Komunità, sakemm ikun sarilhom xogħol jew ipproċċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7.

2. Ceuta and Melilla għandhom jitqiesu bhala territorju wieħed.

3. L-esportatur jew ir-repreżentant awtorizzat tiegħu għandu jniżżeġ "Turkija" u "Ceuta u Melilla" fil-Kaxxa 2 taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED jew fuq id-dikjarazzjonijiet tal-fattura jew fuq id-dikjarazzjonijiet tal-fattura EUR-MED. Barra minn hekk, fil-każ-za' prodotti li jorġinaw f'Ceuta jew f'Melilla, dan għandu jiġi indikat fil-Kaxxa 4 taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED jew fuq id-dikjarazzjonijiet tal-fattura jew fuq id-dikjarazzjonijiet tal-fattura EUR-MED.

4. L-awtoritajiet doganali Spanjoli għandhom ikunu respon-sabbi għall-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll f'Ceuta u f'Melilla.

TITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 39

Emendi għall-Protokoll

Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 40

Dispożizzjoni ta' tranżizzjoni għal oġġetti li qiegħdin jinġarru jew qiegħdin maħżuna

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jista' jiġu applikati għal oġġetti li josservaw d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u li fil-jum tad-dħul fis-sejjh ta' dan il-Protokoll jew qiegħdin jinġarru jew inkella jinsabu maħżuna temporanġament fil-Komunità jew fit-Turkija, f'mihażen doganali jew f'żoni liberi, soġġetti għas-sottomissjoni lejn l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni, fi żmien erba' xħur mid-data msemmija ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew EUR-MED maħruġa retrospettivament mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni flimkien mad-dokumenti li juru li l-oġġetti nġarru direttament skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13.

ANNESS I

ANNOTAZZJONIJIET TA' INTRODUZZJONI GĦAL-LISTA FL-ANNESS II**Annotazzjoni 1:**

Il-lista tistabbilixxi l-kondizzjonijiet meħtieġa biex il-prodotti kollha jutqiesu maħdumin jew ipproċessati biżżejjed fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 6 tal-Protokoll.

Annotazzjoni 2:

- 2.1. L-ewwel żewġ kolonna fil-lista jiddeskrivu l-prodott miksub. Fl-ewwel kolonna jidher in-numru tal-intestatura jew in-numru tal-kapitolu użati fis-Sistema Armonizzata u fit-tieni kolonna tidher id-deskrizzjoni ta' prodotti użati f'din is-sistema għal dik l-intestatura jew kapitolu. Għal kull annotazzjoni fl-ewwel żewġ kolonna, tiġi speċifikata regola fil-kolonna 3 jew 4. Fejn, f'xi każijiet, l-annotazzjoni fl-ewwel kolonna jkollha "ex" quddiemha, dan ikun ifisser li r-regoli fil-kolonna 3 jew 4 jaapplikaw biss għal dik il-parti tal-intestatura kif deskrit fil-kolonna 2.
- 2.2. Meta bosta numri ta' intestatura jkunu fi grupp għalihom fil-kolonna nru.1 jew jidher numru ta' kapitolu u d-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 tidher f'termini ġenerali, ir-regoli maġenbhom fil-kolonna 3 jew 4 jaapplikaw għall-prodotti kollha li, bis-Sistema Armonizzata, huma kklassifikati fl-intestaturi tal-kapitolu jew f'xi wieħed mill-intestaturi miġburin flimkien fil-kolonna nru.1.
- 2.3. Fejn hemm regoli differenti fil-lista li jaapplikaw għal prodotti differenti fi ħdan intestatura, kull inċiż għandu fih deskrizzjoni ta' dik il-parti tal-intestatura koperta mir-regoli ta' maġenbhom fkolonna 3 jew 4.
- 2.4. Fejn, għal annotazzjoni fl-ewwel żewġ kolonna, hemm regola speċifikata fiż-żewġ kolonna 3 u 4, l-esportatur jista' jagħżel, li jaapplika jew ir-regola stabbilita fkolonna 3 jew dik stabbilita fkolonna 4. Jekk ma tingħata ebda regola dwar l-oriġini fkolonna 4, għandha tapplika r-regola stabbilita fkolonna 3.

Annotazzjoni 3:

- 3.1. Id-dispożizzjoni jiet tal-Artikolu 6 tal-Protokoll, li jirrigwardaw prodotti li jkunu kisbu status ta' oriġini użati fil-manifattura ta' prodotti oħrajn, għandhom jaapplikaw, irrisspettivament minn jekk dan l-istatus inkiseb ġewwa l-fabrika fejn jintużaw dawn il-prodotti jew ġewwa fabbrika oħra fparti kontraenti.

Eżempju:

Magna taħt l-intestatura 8407, li dwarha r-regola tgħid li l-valur tal-materjal mhux oriġinarju li jista' jiġi inkorporat ma jistax jaqbeż l-40 % tal-prezz tal-fabrika, hija magħmulu minn "lega oħra ta' azzar mikwija bil-forġa ta' sura raffa" tal-intestatura ex 7224.

Jekk dan ix-xogħol bil-forġa nkewwa fil-Komunità minn ingott mhux oriġinarju, digħi jkun kiseb status oriġinarju bis-saħħa tar-regola għall-intestatura ex 7224 fil-lista. Ix-xogħol jista' allura jgħodd bħala oriġinarju fil-kalkolu tal-valur tal-magna, irrisspettivament minn jekk sarx fl-istess fabbrika jew f'xi fabbrika oħra fil-Komunità. Il-valur tal-ingott mhux oriġinarju għalhekk ma jitqiesx meta jiġi kkalkolat il-valur tal-materjal mhux oriġinarju li jintuża.

- 3.2. Ir-regola fil-lista tikkorrispondi għall-ammont minimu ta' xogħol jew ipproċessar meħtieġ, u t-twettiq ta' aktar xogħol jew ipproċessar ukoll jagħti status oriġinarju, alkuntrarju, it-twettiq ta' anqas xogħol jew ipproċessar ma jistax jaqbeż status oriġinarju. Għaldaqstant, jekk regola tistipula li materjal mhux oriġinarju, fċertu livell ta' manifattura, jista' jintuża, l-użu ta' dan il-materjal fi stadju aktar bikri ta' manifattura huwa permess, u l-użu ta' dan il-materjal fi stadju aktar "I quddiem mhux permess.
- 3.3. Mingħajr preġudizzju għall-Annotazzjoni 3.2, fejn regola tuża l-espressjoni 'Manifattura minn materjal ta' kull intestatura', il-materjal ta' kull intestatura (anki materjal tal-istess intestatura u deskrizzjoni bħall-prodott) jista' jintuża, suġġett, iżda, għal xi limitazzjoni speċifiċi li jistgħu jinsabu fir-regola.

Iżda, l-espressjoni, ‘Manifattura minn materjal ta’ kull intestatura, inkluż materjal ieħor tal-intestatura...’ jew ‘Manifattura minn materjal ta’ kull intestatura, inkluż materjal ieħor tal-istess intestatura bħall-prodotti’ tħisser li il-materjal ta’ kull intestatura jista’ jintuża, ħlief dak tal-istess deskrizzjoni bħall-prodott kif hemm fkolonna 2 tal-lista.

- 3.4. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista’ jiġi manifatturat minn aktar minn materjal wieħed, dan ifisser li jista’ jintuża jew materjal wieħed jew aktar minn wieħed. Ma teħtieġx li jintuża l-materjal kollu.

Eżempju:

Ir-regola għat-tessuti tal-intestaturi 5208 sa 5212 tistipula li jistgħu jintużaw fibri naturali u li materjal kimiku, fost materjal ieħor, jista’ jintuża wkoll. Dan ma jfissirx li għandhom jintużaw it-tnejn li huma, huwa possibbli li jintuża wieħed jew l-ieħor, jew it-tnejn.

- 3.5. Fejn regola fil-lista tispeċifika li prodott għandu jkun manifatturat minn xi materjal partikolari, din il-kondizzjoni ma żżommix milli wieħed juża materjal ieħor li, minħabba n-natura inerenti tiegħi, ma jistax jissodisa r-regola. (Ara wkoll l-Annotazzjoni 6.2 hawn taħt fir-rigward tat-tessuti).

Eżempju:

Ir-regola għall-ikel ippreparat tal-intestatura 1904, li teskludi b'mod speċifiku l-użu ta’ ċereali u d-derivati tagħhom, ma żżommix l-użu ta’ mluħa minerali, kimika jew addittivi oħra li mhumiex prodotti li jiġu miċ-ċereali.

Iżda, dan ma jaapplikax għal prodotti li, għalkemm ma jistgħux ikunu manifatturati mill-materjal partikolari speċifikat fil-lista, jistgħu jiġi prodotti minn xi materjal tal-istess natura fi stadju bikri ta’ manifattura.

Eżempju:

Fil-każ ta’ xi oġġett ta’ l-bies tal-ex Kapitolo 62 magħmul minn materjal mhux minsuġ, jekk l-użu ta’ ħajt mhux-oriġinarju biss huwa permess għal din il-klassi ta’ oġġett, mhux possibbli li wieħed jibda minn drapp mhux minsuġ -- anki jekk drappi jiet mhux minsuġa normalment ma jistgħux isiru mill-ħajt. Fkażżejjiet bħal dawn, il-materjal li jintuża bħala bidu normalment ikun fl-istadju ta’ qabel ma jsir il-ħajt – jiġifieri fl-istadju tal-fibra.

- 3.6. Fejn, f-regola fil-lista, żewġ perċentwali jingħataw għal-valur massimu ta’ materjal mhux-oriġinarju li jista’ jintuża”, dawn il-perċentwali ma jistgħux jingħaddu flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjal kollu mhux-oriġinarju użat qatt ma jista’ jaqbeż l-ogħla perċentwali minn dawk mogħtija. Barra minn hekk, il-perċentwali individuali m'għandhomx jinqabżu, fir-rigward tal-materjal partikolari li għaliex jaapplikaw.

Annotazzjoni 4:

- 4.1. It-terminu “fibri naturali” jintuża fil-lista bħala referenza għal fibri li mhumiex fibri artifiċjali jew sintetiċi. Huwa ristrett għall-istadji ta’ qabel ma jsir l-għażiż, inkluż l-iskart, u, sakemm ma jingħadx mod ieħor, jinkludi fibri mqarxdin, mimxutin, jew ipproċċessati b’xi mod ieħor, iżda mhux mibrumin.
- 4.2. It-terminu “fibri naturali” jinkludi krin tal-intestatura 0503, għażel tal-intestatura 5002 u 5003, kif ukoll fibri tas-suf u xagħar fin jew aħrax tal-annimali tal-intestatura 5101 sa 5105, fibri tal-qoton tal-intestatura 5201 sa 5203, u fibri oħra veġetal tal-intestatura 5301 sa 5305.
- 4.3. It-termini “polpa tat-tessuti”, “materjal kimiku” u “materjal li minnu ssir il-karta” jintużaw fil-lista biex jiddeskrivu l-materjal, mhux ikklassifikat fil-Kapitoli 50 sa 63, li jista’ jintuża għall-manifattura ta’ fibri artifiċjali, sintetiċi jew tal-karta jew hija.
- 4.4. It-terminu “fibri magħmula mill-bniedem” jintuża fil-lista bħala referenza għal stoppa ta’ filament sintetiku jew artifiċjali, fibri prinċipali jew skart, tal-intestatura 5501 sa 5507.

Annotazzjoni 5:

- 5.1. Fejn, għal xi prodott partikolari fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, il-kondizzjonijiet stabbiliti f'kolonna 3 m'għandhomx japplikaw għal xi materjal bażiku tat-tessuti użat fil-manifattura ta' dan il-prodott u li, meħud kollu f'daqqa, jirrappreżenta 10 % jew anqas tal-piż totali tal-materjal bażiku tat-tessuti li jkun intuża. (Ara wkoll l-Annotazzjoni jiet 5.3 u 5.4)
- 5.2. Iżda, it-tolleranza msemmija fl-Annotazzjoni 5.1 tista' tkun applikata biss għall-prodotti mħallta li jkunu saru minn żewġ tessuti bażiċi jew aktar.

Dawn li ġejjin huma t-tessuti bażiċi:

- l-għażel,
- is-suf,
- ix-xagħar aħrax tal-annimali,
- ix-xagħar fin tal-annimali,
- il-krin,
- il-qoton,
- il-materjal li minnu ssir il-karta u karta,
- il-kittien,
- il-qanneb veru,
- il-ġuta jew fibri tessili oħra jn tat-tilju,
- is-sisal u fibri tessili oħra jn tal-familja Agave,
- il-fibri tal-ġewż tal-Indi, l-abaka u tessuti veġetal oħra,
- il-filamenti sintetiċi magħmula mill-bniedem,
- il-filamenti artifiċjali magħmula mill-bniedem,
- il-filamenti li minnhom jgħaddi l-kurrent,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polipropilin magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polijester magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polijamajd magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poljakrilonitril magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polijamajd magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-politetraflworetilin magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poli(fenilinsalfajd) magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poli(vinilklorajd) magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi oħra magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-visk magħmula mill-bniedem,
- il-fibri oħra artifiċjali magħmula mill-bniedem,
- il-ħajt magħmul mill-poljuritejn issegmentat, b'segmenti flessibbli ta' polijetere, sew b'wajer ġo fiha sew jekk le,

- il-ħajt magħmul mill-polijuretejn issegmentat, b'segmenti flessibbli ta' polijester, sew b'wajer ġo fih sew jekk le,
- il-prodotti tal-intestatura 5605 (ħajt metallizzat) li fihom stripa li tikkonsisti f'qalba ta' tertuqa tal-aluminju jew qalba ta' tertuqa tal-plastik sew jekk miksija bit-trab tal-aluminju sew jekk le, wiesha mhux aktar minn 5 mm, miżmura permezz ta' kollha trasparenti jew ikkulurita bejn żewġ fillieri ta' tertuqa tal-plastik.
- il-prodotti l-oħra tal-intestatura 5605.

Eżempju:

Ħajta, tal-intestatura 5205, magħmula minn fibri tal-qoton tal-intestatura 5203 u fibri prinċipali sintetiċi tal-intestatura 5506, hija ħajta mħallta. Għalhekk, fibri prinċipali sintetiċi mhux oriġinarji li ma jissodisfawx ir-regoli ta' oriġini (li jeħtieġu manifattura minn materjal kimiku jew polpa tessili) jistgħu jintużaw, sakemm il-piż totali tagħhom ma jaqbiżx 10 % tal-piż tal-ħajt.

Eżempju:

Drapp tas-suf, tal-intestatura 5112, magħmul minn ħajt tas-suf tal-intestatura 5107 u ħajt sintetiku ta' fibri prinċipali tal-intestatura 5509, huwa drapp imħallat. Għalhekk, il-ħajt sintetiku li ma jissodisfawx ir-regoli ta' oriġini (li jeħtieġu manifattura minn materjal kimiku jew polpa tessili), jew ħajt tas-suf li ma jissodisfawx ir-regoli ta' oriġini (li jeħtieġu manifattura minn fibri naturali, mhux imqarxdin jew mimxutin jew ippreparati b'xi mod ieħor għall-għażil), jew taħlita tat-tnejn, jista' jintużaw, sakemm il-piż totali tagħhom ma jaqbeżx 10 % tal-piż tad-drapp.

Eżempju:

Drapp ittaftjat, tal-intestatura 5802, magħmul mill-ħajt tal-qoton tal-intestatura 5205 u drapp tal-qoton tal-intestatura 5210, huwa prodott imħallat sakemm id-drapp tal-qoton huwa fih innifsu drapp imħallat magħmul minn ħajt ikkl-klassifikati taħt żewġ intestaturi separati, jew jekk il-ħjut tal-qoton li ntużaw ikunu taħlita huma stess.

Eżempju:

Jekk id-drapp ittaftjat ikkonċernat ikun ġie magħmul minn ħajt tal-qoton tal-intestatura 5205 u drapp sintetiku tal-intestatura 5407, allura, ovvjament, il-ħjut użati ġejjin minn żewġ materjali differenti ta' drapp bażiku u d-drapp ittaftjat huwa, għalhekk, prodott imħallat.

5.3. Fil-każ ta' prodotti li fihom "ħajt magħmul mill-polijuretejn issegmentat b'segmenti flessibbli ta' polijetere, bil-wajer ġo fihom jew le", din it-tolleranza hija ta' 20 % fir-rigward ta' dan il-ħajt.

5.4. Fkaż ta' prodotti li fihom "stripa li tikkonsisti minn qalba ta' tertuqa tal-aluminju jew qalba ta' tertuqa tal-plastik sew jekk miksija bit-trap tal-aluminju sew jekk le, wiesha mhux aktar minn 5 mm, miżmura permezz ta' kollha trasparenti jew ikkulurita bejn żewġ fillieri ta' tertuqa tal-plastik", din it-tolleranza hija 30 % fir-rigward ta' din l-istrippa.

Annotazzjoni 6:

- 6.1. Fejn, fil-lista, issir referenza għal din l-Annotazzjoni, materjal tessili (ħlief għal inforri u drapp barrani miżjud bejn l-inforra u d-drapp), li ma jissodisfawx ir-regola stabilita fil-lista f'kolonna 3 għall-prodott ikkonċernat, jista' jintużaw, sakemm ikun ikkl-klassifikati f'intestatura li ma tkunx dik tal-prodott u li l-valur tiegħu ma jaqbeżx 8 % tal-preżżeż tal-fabrika tal-prodott.
- 6.2. Mingħajr ħsara għall-Annotazzjoni 6.3, materjal, li mhux ikkl-klassifikat fi ħdan il-Kapitoli 50 sa 63, jista' jintużaw liberament fil-manifattura ta' prodotti tessili, sew jekk ikun fih tessuti sew jekk le.

Eżempju:

Jekk xi regola fil-lista tistipula li, għal xi oġġett tessili partikolari (bħal pereżempju qalziet), għandu jintużaw l-ħajt, dan ma jfissix li ma jistgħux jintużaw oġġetti tal-metall, bħal buttuni, għax il-buttni mhumiex ikkl-klassifikati fi ħdan il-Kapitoli 50 sa 63. Għall-istess raġuni, m'hemm xejn kontra l-użu ta' zippijiet, anki jekk iż-żippijiet normalment ikun fihom id-drapp.

6.3. Fejn tapplika regola dwar percéntwali, il-valur ta' materjal li mhux ikklassifikat fi ħdan il-Kapitoli 50 sa 63 għandu jitqies fil-kalkolu tal-valur tal-materjal mhux oriġinarju li jkun inkorporat.

Annotazzjoni 7:

7.1. Għall-finijiet tal-intestaturi ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, il-“proċessi spċifici” huma dawn li ġejjin:

- (a) distillazzjoni taħt vakwu;
- (b) distillazzjoni mill-ġdid bi proċess ta' frazzjonizzazzjoni b'reqqa kbira;
- (c) ikkrekkjar (cracking);
- (d) iffurmar mill-ġdid;
- (e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;
- (f) il-proċess li jinkludi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: l-ipproċessar bl-aċidu sulfuriku kkonċentrat, bl-oleum jew bl-anidride sulfuriku; newtralizzazzjoni b'agħenti alkalini; dekolorizzazzjoni u purifikazzjoni bit-tafal attiv b'mod naturali, tafal attivat, faħam attivat jew boxsajt;
- (g) polimerizzazzjoni;
- (h) alkilizzazzjoni;
- (i) isomerizzazzjoni.

7.2. Għall-għanijiet tal-intestaturi 2710, 2711 u 2712, il-“proċessi spċifici” huma dawn li ġejjin:

- (a) distillazzjoni taħt vakwu;
- (b) distillazzjoni mill-ġdid bi proċess ta' frażjonizzazzjoni b'reqqa kbira;
- (c) ikkrekkjar (cracking);
- (d) iffurmar mill-ġdid;
- (e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;
- (f) il-proċess li jinkludi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: l-ipproċessar bl-aċidu sulfuriku kkonċentrat, bl-oleum jew bl-anidride sulfuriku; newtralizzazzjoni b'agħenti alkalini; dekolorizzazzjoni u purifikazzjoni bit-tafal attiv b'mod naturali, tafal attivat, faħam attivat jew boxsajt;
- (g) polimerizzazzjoni;
- (h) alkilizzazzjoni;
- (i) isomerizzazzjoni.
- (k) fir-rigward ta' żjut tqal tal-intestatura ex 2710 biss, desulfurizzazzjoni bl-idroġenu, li jwassal għal tnaqqis ta' mill-inqas 85 % tal-kontenut ta' kubrit tal-prodotti pproċessati (bil-metodu ASTM D 1266-59 T);
- (l) fir-rigward ta' prodotti tal-intestatur 2710 biss, deparaffinizzazzjoni bi proċess li mhux filtrazzjoni;
- (m) fir-rigward ta' żjut tqal tal-intestatura ex 2710 biss, trattament bl-idroġenu, taħt pressjoni ta' aktar minn 20 bar u temperatura ta' aktar minn 250 °C, bl-użu ta' katalista, ħlief biex issir desulfurizzazzjoni, meta l-idroġenu ikun element attiv freazzjoni kimika. Aktar ittrattar bl-idroġenu, ta' żjut lubrifikanti tal-intestatura ex 2710 (e.g. hydrofinishing jew dekolorizzazzjoni), sabiex, b'mod aktar spċċiali, ikun hemm titjib fil-kulur jew l-istabbilità, m'għandux, iżda, jitqies bħala xi proċess spċificu;

- (n) fir-rigward ta' karburanti tal-intestatura ex 2710 biss, distillazzjoni atmosferika, bil-kundizzjoni li anqas minn 30 % ta' dawn il-prodotti jiddistillaw, bħala volum, inkluż xi telf, b'temperatura ta' 300 °C, bil-metodu ASTM D 86;
 - (o) fir-rigward ta' żjut tqal ħlief għal żjut taħt forma ta' gass u karburanti tal-intestatura ex 2710 biss, ittrattar permezz ta' brush-discharge elettriku ta' frekwenza għolja;
 - (p) fir-rigward ta' prodotti mhux raffinati (ħlief għall-griż tal-pitrolju, l-ozokerite, xama' tal-lignite jew tal-pit, xama' tal-paraffina li jkun fiha anqas minn 0,75 % ta' żejt bħala piż) tal-intestatura ex 2712 biss, tneħħija ta' żejt permezz ta' kristallizzazzjoni frazzjonali.
- 7.3. Għall-għanijiet tal-intestaturi ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, operazzjonijiet sempliċi, bħal tindif, dekantazzjoni, desalinizzazzjoni, tneħħija tal-ilma, filtrazzjoni, kolorizzazzjoni, immarkar, il-ksib ta' kontenut ta' kubrit bħala riżultat ta' taħlit ta' prodotti b'kontenuti differenti ta' kubrit, jew kull kombinazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet jew operazzjonijiet simili, ma jikkonċedux oriġini.

ANNESS II

**LISTA TA' XOGĦOL JEW IPPROĊESSAR MEĦTIEĠ LI JITWETTAQ FUQ MATERJAL MHUX ORIĠINARJU
SABIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT JISTA' JIKSEB STATUS ORIĠINARJU**

Il-prodotti msemmija fil-lista jistgħu ma jkunux kollha koperti bil-Protokoll. Huwa, għalhekk, meħtieġ li jkunu kkonsultati l-partijiet l-oħra tal-Ftehim

| Intestatura HS | Deskrizzjoni tal-prodott | Xogħol jew ipproċessar imwettaq fuq materjal mhux oriġinarju, li jikkonferixxi status oriġinarju | |
|----------------|--|---|-----|
| (1) | (2) | (3) jew | (4) |
| Kapitolu 1 | Annimali ħajjin | L-annimali kollha ta' Kapitolu 1 għand-hom ikunu kompletament miksuba | |
| Kapitolu 2 | Laħam u fdalijiet tal-laħam li jittieklu | Manifattura li fiha l-materjal kollu użat tal-Kapitolji 1 u 2 huwa kompletament miksub. | |
| Kapitolu 3 | ħut u krustaċi, molluski u invertebrati oħra tal-ilma | Manifattura li fiha l-materjal kollu użat tal-Kapitoli 3 huwa kompletament miksub. | |
| ex Kapitolu 4 | Prodotti tal-ħalib; bajd tal-għasafar; għasel naturali; prodotti li jittieklu li ġejjin mill-annimali mhux spċifikati jew inklużi band'oħra; ħlief għal: | Manifattura li fiha l-materjal kollu użat tal-Kapitoli 4 huwa kompletament miksub. | |
| 0403 | Xorrox tal-butir, ħalib imbaqqat u krema, jogurt, kephir u ħalib jew krema iffermentata/a jew aċidifikat/a, konċentrat jew mhux jew li fil-iz-zokkor miżjud jew susanzi oħra ta' ħlewwa jew ta' togħma jew li fil-frott, għwież jew kakaw miżjudha | Manifattura li fiha: - il-materjal kollu użat tal-Kapitoli 4 huwa kompletament miksub, - il-meraq kollu tal-frott (ħlief dak tal-ananas, lajm jew grejpfrut) tal-intestatura 2009 użat huwa oriġinarju, u - il-valur tal-materjal kollu użat tal-Kapitolo 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott | |
| ex Kapitolu 5 | Prodotti li ġejjin mill-annimali, mhux spċifikati jew inklużi band'oħra; ħlief għal: | Manifattura li fiha l-materjal kollu użat tal-Kapitoli 5 huwa kompletament miksub. | |
| ex 0502 | Preparat tal-lanżit u xagħar tal-qżieqes, ħnieżer jew ċingjal | Tindif, diżinfettar, issortjar u ddrittar ta' lanżit u xagħar | |
| Kapitolu 6 | Siġar ħajjin u pjanti oħra; basal, għeruq u affarrijiet bħalhom; fjuri maqtugħha u weraq ornamenti | Manifattura li fiha: - il-materjal kollu użat tal-Kapitoli 6 huwa kompletament miksub, u - il-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott | |
| Kapitolu 7 | Ħaxix tal-ikel u xi għeruq u tuberi | Manifattura li fiha l-materjal kollu użat tal-Kapitoli 7 huwa kompletament miksub. | |

| (1) | (2) | (3) | jew | (4) |
|----------------|--|---|---|-----|
| Kapitolu 8 | Frott tal-ikel u lewż; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew bettiegħ | <p>Manifattura li fiha:</p> <ul style="list-style-type: none"> - il-frott u l-lewż kollu użat huwa kompletament miksub, u - il-valur tal-materjal kollu użat tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-valur tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott | | |
| ex Kapitolu 9 | Kafé. te, maté u ħawwar; hließ għal: | Manifattura li fiha l-materjal kollu użat tal-Kapitolu 9 huwa kompletament miksub. | | |
| 0901 | Kafé, sew jekk inkaljat jew mingħajr kafeina sew jekk le; qxur u fosdoq tal-kafé; sostituti tal-kafé li fihom il-kafé f'kull proporzjon | Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura | | |
| 0902 | Te, sew jekk jingħata toġħma sew jekk le | Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura | | |
| ex 0910 | Taħlita ta' ħawwar | Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura | | |
| Kapitolu 10 | Ċereali | Manifattura li fiha l-materjal kollu użat tal-Kapitolu 10 huwa kompletament miksub. | | |
| ex Kapitolu 11 | Prodotti tal-industria tat-tħin; xgħir; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; hließ għal: | Manifattura li fiha ċ-ċereali kollha, ħaxix tal-ikel, għeruq u tuberi tal-intestatura 0714 jew frott użati huma miksuba kompletament | | |
| ex 1106 | Dqiq, frak u trab tal-hnejdex leguminużi mqaxxa u minnixa fa-tal-intestaura 0713 | Tnixxif u tħin ta' ħnejdex leguminużi tal-intestatura 0708 | | |
| Kapitolu 12 | Żrieragħ taż-żejt u frott oligenuż; qamħ ta' kull tip, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u ghaff | Manifattura li fiha l-materjal kollu użat tal-Kapitolu 12 huwa kompletament miksub. | | |
| 1301 | Gommalakka; gomma naturali, reżina, gomma-reżina u oleoreżina (pereżempju, balzmi) | Manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat tal-intestatura 1301 ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott | | |
| 1302 | Linfa u estratti veġetal; sustanzi pektiči, pektinati u pektati; agar-agar u muċilagġini u sustanzi oħra li jgħaqqu, modifikati jew le, miksuba minn prodotti veġetal: | <ul style="list-style-type: none"> - Muċilagġini u sustanzi li jgħaqqu, modifikati, miksuba minn prodotti veġetal - Oħrajn | <p>Manifattura minn muċilagġini u sustanzi li jgħaqqu mhux modifikati</p> <p>Manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott</p> | |
| Kapitolu 14 | Materjal veġetali għall-immaljiar; prodotti veġetali mhux spċċifikati jew inklużi band'oħra | Manifattura li fiha l-materjal kollu użat tal-Kapitolu 14 huwa kompletament miksub. | | |
| ex Kapitolu 15 | Xaħmijiet u żjut tal-annimali jew veġetal u l-prodotti mill-qsim tagħhom; preparati ta' xaħmijiet tal-ikel; xama' mill-annimali jew veġetal; hließ għal: | Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura, hließ minn dak tal-prodott | | |
| 1501 | Xaħam tal-ħnieżer (inkluż il-lardu) u xaħam tat-tjur, barra minn dak tal-intestatura 0209 jew 1503: | | | |

| (1) | (2) | (3) | jew | (4) |
|-----------------|---|---|-----|-----|
| | <ul style="list-style-type: none"> - Xaħmijiet mill-għadam jew skart - Oħrajn | <p>Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dak tal-intestatura 0203, 0206 jew 0207 jew għadam tal-intestatura 0506</p> <p>Manifattura mil-laħam jew fdalijiet li jittieku tal-majjal tal-intestatura 0203 jew 0206 jew tal-laħam jew fdalijiet li jittieku tat-tjur tal-intestatura 0207</p> | | |
| 1502 | Xaħmijiet ta' annimali bovini, nghanġ jew mogħoż, barra minn dawk tal-intestatura 1503 | | | |
| | <ul style="list-style-type: none"> - Xaħmijiet mill-għadam jew skart - Oħrajn | <p>Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dak tal-intestatura 0201, 0202 jew 0206 jew għadam tal-intestatura 0506</p> <p>Manifattura li fiha l-materjal kollu użat tal-Kapitoli 2 huwa kompletament miksub.</p> | | |
| 1504 | Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew annimali tal-baħar, irfinuti jew le, iżda mhux kimikament modifikati: | | | |
| | <ul style="list-style-type: none"> - Frazzjonijiet solidi - Oħrajn | <p>Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjal ieħor tal-intestatura 1504</p> <p>Manifattura li fiha l-materjal kollu użat tal-Kapitoli 2 u 3 huwa kompletament miksub.</p> | | |
| ex 1505 | Lanolina irfinuta | Manifattura minn xaħam tas-suf mhux raffinat tal-intestatura 1505 | | |
| 1506 | Xaħmijiet u żjut oħra mill-annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, irfinuti jew le, iżda mhux kimikament modifikati: | | | |
| | <ul style="list-style-type: none"> - Frazzjonijiet solidi - Oħrajn | <p>Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjal ieħor tal-intestatura 1506</p> <p>Manifattura li fiha l-materjal kollu użat tal-Kapitoli 2 huwa kompletament miksub.</p> | | |
| 1507 sa 1515 | Żjut veġetalu u l-frazzjonijiet tagħhom: | | | |
| | <ul style="list-style-type: none"> - Żejt tas-soja, lewż mitħun, palm, kopra, l-għadma tal-palm, babassu, tung u otiċċika, xama' tar-riħana u xama' tal-Ġappun, frazzjonijiet taż-żejt ta' jojoba u żjut għal użu tekniku u industrijni barra mill-manifattura ta' prodotti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem - Frazzjonijiet solidi, ħlief għal dak taż-żejt tal-jojoba - Oħrajn | <p>Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura, ħlief minn dak tal-prodott</p> <p>Manifattura minn materjal ieħor tal-intestatura 1507 sa 1515</p> <p>Manifattura li fiha l-materjal veġetalu kollu użat huwa kompletament miksub.</p> | | |

| (1) | (2) | (3) jew | (4) |
|----------------|--|---|-----|
| 1516 | Xaħmijiet u żjut mill-annimali u mill-ħxejjex, idroġenati parżjalment jew kompletament, inter-esterifikati, esterifikati mill-ġdid jew elajdinizzati, irfinut jew le, iżda mhux ippreparat aktar minn hekk | <p>Manifattura li fiha:</p> <ul style="list-style-type: none"> - il-materjal kollu użat tal-Kapitoli 2 huwa kompletament miksub, u - il-materjal kollu veġetali użat huwa kompletament miksub. Iżda, il-materjal tal-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513 jista' jintuża | |
| 1517 | Marġerina; taħlitiet jew preparati ta' xaħmijiet jew żjut mill-annimali jew mill-ħxejjex li jittieklu jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut ta' dan il-Kapitolu, ħlief għal xaħmijiet jew żjut li jittieklu jew il-frazzjonijiet tagħhom tal-intestatura 1516 | <p>Manifattura li fiha:</p> <ul style="list-style-type: none"> - il-materjal kollu użat tal-Kapitoli 2 u 4 huwa kompletament miksub, u - il-materjal kollu veġetali użat huwa kompletament miksub. Iżda, il-materjal tal-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513 jista' jintuża | |
| Kapitolu 16 | Preparati ta' laħam, ġuṭ jew krustacjji, molluski jew invertebrati oħra tal-ilma | <p>Manifattura:</p> <ul style="list-style-type: none"> - mill-annimali ta' Kapitolu 1, u/jew - li fiha l-materjal kollu użat tal-Kapitoli 3 huwa kompletament miksub. | |
| ex Kapitolu 17 | Zokkrijiet u ħlewwiet miz-zokkor; ħlief għal: | Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura, ħlief minn dak tal-prodott | |
| ex 1701 | Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u sakkarożju kimikament pur, magħqud, li fih sustanza miżjudha għat-togħma u l-kulur | Manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat tal-Kapitolo 17 ma jaqbix it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott | |
| 1702 | Zokkrijiet oħra, inklużi l-lattpozu, il-maltpozu, il-glukożju u l-fruttożu kimikament puri, fforma solida; ġulepp miz-zokkor mingħajr sustanzi miżjudha għat-togħma jew għall-kulur; għasel artifiċjali, imħallat jew le mal-għasel naturali; karamej: | <p>Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjal ieħor tal-intestatura 1702</p> <ul style="list-style-type: none"> - Maltpozu u fruttożu kimikament puri - Zokkrijiet oħra fforma solida li fihom sustanzi miżjudha għat-togħma jew għall-kulur - Oħrajn | |
| ex 1703 | Għasel iswed li ġej mill-estrazzjoni jew ir-raffin tar-taz-zokkor li fih sustanzi miżjudha għat-togħma jew għall-kulur | Manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat tal-Kapitolo 17 ma jaqbix it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott | |
| 1704 | Ħlewwiet miz-zokkor (inkluża c-ċikkulata bajda), mingħajr kawkaw | <p>Manifattura:</p> <ul style="list-style-type: none"> - minn materjal ta' kwalunkwe intestatura, ħlief minn dak tal-prodott, u - li fiha l-valur tal-materjal kollu użat tal-Kapitolo 17 ma jaqbix it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott | |

| (1) | (2) | (3) | (4) |
|-------------|---|---|---|
| Kapitolu 18 | Kawkaw u preparati tal-kawkaw | <p>Manifattura:</p> <ul style="list-style-type: none"> - minn materjal ta' kwalunkwe intestatura, ħlief minn dak tal-prodott, u - li fiha l-valur tal-materjal kollu użat tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott | |
